*Kumitat għall-Affarijiet Legali*

**2014/0121(COD)**

25.2.2015

# EMENDI 290 - 490

**Abbozz ta' rapport**
**Sergio Gaetano Cofferati**
(PE544.471v01-00)

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2007/36/KE rigward l-inkoraġġiment ta' involviment fit-tul tal-azzjonisti u d-Direttiva 2013/34/UE rigward ċerti elementi tad-dikjarazzjoni dwar il-governanza korporattiva

Proposta għal direttiva
(COM(2014)0213 – C7-0147/2014 – 2014/0121(COD))

AM_Com_LegReport

**Emenda 290**
**Cecilia Wikström, Nils Torvalds, Ulla Tørnæs, Cora van Nieuwenhuizen**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 4**
Direttiva 2007/36/KE
Artikolu 9a

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| ***Artikolu 9a*** | ***imħassar*** |
| ***Dritt għall-vot dwar il-politika ta' remunerazzjoni*** | |
| ***1. L-Istati Membri jiżguraw li l-azzjonisti jkollhom id-dritt li jivvutaw fuq il-politika ta' remunerazzjoni fir-rigward tad-diretturi. Il-kumpaniji jħallsu biss remunerazzjoni lid-diretturi tagħhom skont il-politika ta' remunerazzjoni li tkun ġiet approvata mill-azzjonisti. Il-politika ta' remunerazzjoni tiġi sottomessa għall-approvazzjoni tal-azzjonisti kull tliet snin.*** | |
| ***Il-kumpaniji jistgħu, f'każ ta' reklutaġġ ta' membri ġodda tal-bord, jiddeċiedu li jħallsu remunerazzjoni lil direttur individwali barra mill-politika approvata, fejn il-pakkett ta' remunerazzjoni tad-direttur individwali jkun irċieva approvazzjoni preċedenti mill-azzjonisti abbażi tal-informazzjoni dwar kwistjonijiet imsemmija fil-paragrafu 3. Ir-remunerazzjoni tista' tingħata b'mod provviżorju sakemm jiġu approvati mill-azzjonisti.*** | |
| ***2. L-Istati Membri jiżguraw li l-politika ta' remunerazzjoni tkun ċara, tinftiehem, konformi mal-istrateġija kummerċjali, mal-għanijiet, mal-valuri u mal-interessi fit-tul tal-kumpanija u li tinkorpora miżuri biex jiġu evitati l-kunflitti ta' interess.*** | |
| ***3. Il-politika tispjega kif din*** | |

***tikkontribwixxi għall-interessi u s-sostenibilità fit-tul tal-kumpanija. Hija tistipula kriterji ċari għall-għoti ta' rimunerazzjoni fissa u varjabbli, inklużi l-benefiċċji kollha, f'kull forma.***

***Il-politika tindika l-ammonti massimi ta' remunerazzjoni totali li jistgħu jingħataw, u l-proporzjon relattiv korrispondenti tal-komponenti differenti ta' remunerazzjoni fissa u varjabbli. Hija tispjega kif il-ħlas u l-kundizzjonijiet tal-impjieg tal-impjegati tal-kumpanija kienu ikkunsidrati meta ġew stabbiliti l-politika jew ir-rimunerazzjoni tad-diretturi billi tispjega l-proporzjon bejn ir-rimunerazzjoni medja tad-diretturi u r-remunerazzjoni medja tal-impjegati full time tal-kumpanija minbarra d-diretturi, u għalfejn dan il-proporzjon jitqies xieraq. Il-politika tista' b'mod eċċezzjonali tkun mingħajr proporzjon fil-każ ta' ċirkostanzi eċċezzjonali. F'dan il-każ, hija tispjega għalfejn ma hemmx proporzjon u liema miżuri ttieħdu bl-istess effett.***

***Għal remunerazzjoni varjabbli, il-politika tindika l-kriterji tal-prestazzjoni finanzjarja u mhux finanzjarja li għandhom jintużaw u tispjega kif dawn jikkontribwixxu għall-interessi u s-sostenibbiltà tal-kumpanija fit-tul, u l-metodi li għandhom jiġu applikati biex jiddeterminaw sa liema punt il-kriterji ta' prestazzjoni twettqu; hija tispeċifika l-perjodi ta' differiment, il-perjodi ta' akkwiżizzjoni għar-rimunerazzjoni bbażata fuq l-ishma wara l-akkwiżizzjoni, u l-informazzjoni dwar il-possibbiltà tal-kumpanija li terġa' tieħu lura r-remunerazzjoni varjabbli.***

***Il-politika tindika t-termini ewlenin tal-kuntratti tad-diretturi, inkluż id-durata tagħhom u l-perjodi ta' notifika applikabbli u l-pagamenti marbuta ma' tmiem il-kuntratti.***

***Il-politika tispjega l-proċess ta' teħid tad-deċiżjonijiet li jwassal għad-***

***determinazzjoni tagħha. Fil-każ ta' reviżjoni tal-politika, hija tinkludi spjegazzjoni tal-bidliet sinifikanti kollha u kif din tieħu in kunsiderazzjoni l-fehmiet tal-azzjonisti dwar il-politika u r-rapport fis-snin preċedenti.***

***4. L-Istati Membri jiżguraw li wara li l-azzjonisti jkunu approvaw il-politika, din issir pubblika mingħajr dewmien u disponibbli fuq il-websajt tal-kumpanija għall-inqas sakemm tibqa' applikabbli.***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Id-dispożizzjoni li tinsab fil-proposta tal-Kummissjoni għall-Artikolu 9a hija ddettaljata wisq. Din se żżid piżijiet amministrattivi kbar fuq kumpaniji b'benefiċċju minimu għas-soċjetà, is-swieq jew l-azzjonisti. Id-Direttiva eżistenti diġà tagħti (fl-Artikolu 6) l-possibilità lill-azzjonisti minuri li jqiegħdu punti fuq l-aġenda tal-laqgħa ġenerali u din għandha tkun salvagwardja suffiċjenti.*

**Emenda 291**
**Tadeusz Zwiefka**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 4**
Direttiva 2007/36/KE
Artikolu 9a – paragrafu 1 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri jiżguraw li ***l-azzjonisti jkollhom id-dritt li jivvutaw fuq il-politika*** ta' remunerazzjoni fir-rigward tad-diretturi. Il-kumpaniji jħallsu biss remunerazzjoni lid-diretturi tagħhom skont il-politika ta' remunerazzjoni li tkun ġiet approvata mill-azzjonisti. ***Il-politika ta' remunerazzjoni tiġi sottomessa għall-approvazzjoni tal-azzjonisti kull tliet snin.*** | 1. L-Istati Membri jiżguraw li ***l-kumpaniji jistabbilixxu politika*** ta' remunerazzjoni fir-rigward tad-diretturi. Il-kumpaniji jħallsu biss remunerazzjoni lid-diretturi tagħhom skont il-politika ta' remunerazzjoni li tkun ġiet approvata mill-azzjonisti. |

Or. en

**Emenda 292**
**Therese Comodini Cachia**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 4**
Direttiva 2007/36/KE
Artikolu 9a – paragrafu 1 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri jiżguraw li l-azzjonisti jkollhom id-dritt li jivvutaw fuq il-politika ta' remunerazzjoni fir-rigward tad-diretturi. Il-kumpaniji jħallsu biss remunerazzjoni lid-diretturi tagħhom skont il-politika ta' remunerazzjoni li tkun ġiet approvata mill-azzjonisti. ***Il-politika*** ta' remunerazzjoni tiġi sottomessa għall-approvazzjoni tal-azzjonisti ***kull tliet snin***. | 1. L-Istati Membri jiżguraw li l-azzjonisti jkollhom id-dritt li jivvutaw fuq il-politika ta' remunerazzjoni fir-rigward tad-diretturi ***u jissottomettuha għall-approvazzjoni mill-azzjonisti***. Il-kumpaniji jħallsu biss remunerazzjoni lid-diretturi tagħhom skont il-politika ta' remunerazzjoni li tkun ġiet approvata mill-azzjonisti. ***Kwalunkwe bidla sostanzjali għall-politika*** ta' remunerazzjoni tiġi sottomessa għall-approvazzjoni tal-azzjonisti. |

Or. en

**Emenda 293**
**Jiří Maštálka**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 4**
Direttiva 2007/36/EC
Artikolu 9a – paragrafu 1 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri jiżguraw li l-azzjonisti jkollhom id-dritt li jivvutaw fuq il-politika ta' remunerazzjoni fir-rigward tad-diretturi. Il-kumpaniji jħallsu biss remunerazzjoni lid-diretturi tagħhom skont il-politika ta' remunerazzjoni li tkun ġiet approvata mill-azzjonisti. Il-politika ta' remunerazzjoni tiġi sottomessa għall-approvazzjoni tal-azzjonisti kull ***tliet snin***. | 1. L-Istati Membri jiżguraw li l-azzjonisti jkollhom id-dritt li jivvutaw fuq il-politika ta' remunerazzjoni fir-rigward tad-diretturi. Il-kumpaniji jħallsu biss remunerazzjoni lid-diretturi tagħhom skont il-politika ta' remunerazzjoni li tkun ġiet approvata mill-azzjonisti fil-laqgħa ġenerali ***u li dwarha l-impjegati esprimew l-opinjoni tagħhom permezz tar-rappreżentanti tagħhom***. Il-politika ta' remunerazzjoni tiġi sottomessa għall-approvazzjoni tal-azzjonisti kull ***sena***. |

Or. en

**Emenda 294**
**Laura Ferrara**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 4**
Direttiva 2007/36/KE
Artikolu 9a – paragrafu 1 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri jiżguraw li l-azzjonisti jkollhom id-dritt li jivvutaw fuq il-politika ta' remunerazzjoni fir-rigward tad-diretturi. Il-kumpaniji jħallsu biss remunerazzjoni lid-diretturi tagħhom skont il-politika ta' remunerazzjoni li tkun ġiet approvata mill-azzjonisti. Il-politika ta' remunerazzjoni ***tiġi sottomessa għall-approvazzjoni tal-azzjonisti*** kull tliet snin. | 1. L-Istati Membri jiżguraw li l-azzjonisti jkollhom id-dritt li jivvutaw fuq il-politika ta' remunerazzjoni fir-rigward tad-diretturi. Il-kumpaniji jħallsu biss remunerazzjoni lid-diretturi tagħhom skont il-politika ta' remunerazzjoni li tkun ġiet approvata mill-azzjonisti. ***Kull emenda ta' din*** il-politika ***tiġi approvata mill-azzjonisti. L-azzjonisti jikkonfermaw jew jemendaw il-politika ta' remunerazzjoni*** kull tliet snin. |

Or. it

**Emenda 295**
**Bendt Bendtsen, Ulla Tørnæs**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 4**
Direttiva 2007/36/KE
Artikolu 9a – paragrafu 1 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri jiżguraw li ***l-azzjonisti jkollhom id-dritt li jivvutaw fuq il-politika*** ta' remunerazzjoni fir-rigward tad-diretturi. Il-kumpaniji jħallsu biss remunerazzjoni lid-diretturi tagħhom skont il-politika ta' remunerazzjoni li tkun ġiet approvata mill-azzjonisti. Il-politika ta' remunerazzjoni tiġi sottomessa għall-approvazzjoni tal-azzjonisti kull tliet snin. | 1. L-Istati Membri jiżguraw li ***l-kumpaniji jfasslu politika*** ta' remunerazzjoni fir-rigward tad-diretturi ***u jissottomettuha għall-approvazzjoni mill-azzjonisti***. Il-kumpaniji jħallsu biss remunerazzjoni lid-diretturi tagħhom skont il-politika ta' remunerazzjoni li tkun ġiet approvata ***fil-laqgħa ġenerali***. Il-politika ta' remunerazzjoni tiġi sottomessa għall- |

| | |
|---|---|
| | approvazzjoni tal-azzjonisti kull tliet snin ***jew fil-każ ta' bidliet sostanzjali***. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Fil-każ ta' bidliet sostanzjali qabel id-data ta' skadenza ta' tliet snin, il-politika għandha tiġi sottomessa lill-azzjonisti meta jkun rilevanti.*

**Emenda 296**
**António Marinho e Pinto**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 4**
Direttiva 2007/36/KE
Artikolu 9 a – paragrafu 1 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri jiżguraw li l-azzjonisti jkollhom id-dritt li jivvutaw fuq il-politika ta' remunerazzjoni fir-rigward tad-diretturi. Il-kumpaniji jħallsu biss remunerazzjoni lid-diretturi tagħhom skont il-politika ta' remunerazzjoni li tkun ġiet approvata mill-azzjonisti. Il-politika ta' remunerazzjoni tiġi sottomessa għall-approvazzjoni tal-azzjonisti kull tliet snin. | 1. L-Istati Membri jiżguraw li l-azzjonisti jkollhom id-dritt li jivvutaw fuq il-politika ta' remunerazzjoni fir-rigward tad-diretturi. Il-kumpaniji jħallsu biss remunerazzjoni lid-diretturi tagħhom skont il-politika ta' remunerazzjoni li tkun ġiet approvata mill-azzjonisti. ***Kwalunkwe tibdil fil-politika huwa soġġett għall-approvazzjoni tal-azzjonisti u*** l-politika ta' remunerazzjoni tiġi sottomessa għall-approvazzjoni tal-azzjonisti kull tliet snin. |

Or. pt

**Emenda 297**
**József Szájer**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 4**
Direttiva 2007/36/KE
Artikolu 9a – paragrafu 1 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri jiżguraw li ***l-azzjonisti jkollhom id-dritt li jivvutaw fuq il-politika*** ta' remunerazzjoni fir-rigward tad-diretturi. Il-kumpaniji jħallsu biss remunerazzjoni lid-diretturi tagħhom skont il-politika ta' remunerazzjoni li tkun ġiet approvata ***mill-azzjonisti***. Il-politika ta' remunerazzjoni tiġi sottomessa għall-approvazzjoni tal-azzjonisti kull tliet snin. | 1. L-Istati Membri jiżguraw li ***l-kumpaniji jfasslu politika*** ta' remunerazzjoni fir-rigward tad-diretturi ***u jissottomettuha għall-approvazzjoni fil-laqgħa ġenerali***. Il-kumpaniji jħallsu biss remunerazzjoni lid-diretturi tagħhom skont il-politika ta' remunerazzjoni li tkun ġiet approvata ***fil-laqgħa ġenerali***. Il-politika ta' remunerazzjoni tiġi sottomessa għall-approvazzjoni tal-azzjonisti kull tliet snin ***jew fil-każ ta' bidliet sostanzjali***. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Fil-każ ta' bidliet sostanzjali qabel id-data ta' skadenza ta' tliet snin, il-politika għandha tiġi sottomessa lill-azzjonisti meta jkun rilevanti.*

**Emenda 298**
**Jean-Marie Cavada**

**Proposta għal Direttiva**
**Artikolu 1 – punt 4**
Direttiva 2007/36/KE
Artikolu 9a – paragrafu 1 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri jiżguraw li ***l-azzjonisti jkollhom id-dritt li jivvutaw fuq il-politika*** ta' remunerazzjoni fir-rigward tad-diretturi. Il-kumpaniji jħallsu biss remunerazzjoni lid-diretturi tagħhom skont il-politika ta' remunerazzjoni ***li tkun ġiet approvata mill-azzjonisti***. ***Il-politika*** ta' remunerazzjoni tiġi sottomessa għall-approvazzjoni ***tal-azzjonisti*** kull tliet snin. | L-Istati Membri jiżguraw li ***l-kumpaniji jistabbilixxu politika*** ta' remunerazzjoni fir-rigward tad-diretturi. Il-kumpaniji jħallsu biss remunerazzjoni lid-diretturi tagħhom skont ***din*** il-politika ta' remunerazzjoni. |
| | ***L-Istati Membri jiżguraw li l-azzjonisti jkollhom id-dritt li jivvutaw, kemm fuq il-politika ta' remunerazzjoni tad-diretturi, kif ukoll fuq ir-rapport tar-*** |

| | |
|---|---|
| | ***remunerazzjonijiet tas-sena ta' qabel, stabbilit fl-Artikolu 9b***. |
| | ***Jekk l-azzjonisti jkollhom id-dritt li jivvutaw fuq politika*** ta' remunerazzjoni, ***din il-politika għandha*** tiġi sottomessa għall-approvazzjoni ***tagħhom*** kull tliet snin ***jew kull darba li tiġi emendata.*** |
| | ***L-Istati Membri jistgħu jistipulaw li l-vot tal-azzjonisti dwar il-politika ta' remunerazzjoni huwa konsultattiv, bil-kundizzjoni li, jekk l-azzjonisti jirrifjutaw il-politika ta' remunerazzjoni, il-Bord għandu jirrevedi din il-politika u jirrapporta s-sejbiet tiegħu lill-azzjonisti, mhux iktar tard mil-laqgħa ġenerali li jkun imiss.*** |
| | ***Jekk l-azzjonisti ma jkollhomx id-dritt li jivvutaw fuq ir-rapport dwar ir-remunerazzjoni tas-sena ta' qabel u jekk ikunu rrifjutaw dan ir-rapport, il-Bord għandu jirrevedi din il-politika ta' remunerazzjoni u jirrapporta s-sejbiet tiegħu lill-azzjonisti, mhux iktar tard mil-laqgħa ġenerali li jkun imiss***. |

Or. fr

**Emenda 299**
**Giovanni Toti**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 4**
Direttiva 2007/36/KE
Artikolu 9a – paragrafu 1 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri jiżguraw li ***l-azzjonisti jkollhom id-dritt li jivvutaw fuq il-politika*** ta' remunerazzjoni fir-rigward tad-diretturi. Il-kumpaniji jħallsu biss remunerazzjoni lid-diretturi tagħhom skont ***il-politika*** ta' remunerazzjoni ***li tkun ġiet approvata mill-azzjonisti***. Il-politika ta' remunerazzjoni tiġi sottomessa ***għall-approvazzjoni*** tal- | 1. L-Istati Membri jiżguraw li ***l-kumpaniji jistabbilixxu politika*** ta' remunerazzjoni fir-rigward tad-diretturi. Il-kumpaniji jħallsu remunerazzjoni lid-diretturi tagħhom skont ***politika*** ta' remunerazzjoni***.*** |

azzjonisti kull ***tliet*** snin.

***L-Istati Membri jiżguraw li l-azzjonisti jkollhom id-dritt li jivvutaw fuq il-politika ta' remunerazzjoni. Dan il-vot għandu jkun vinkolanti. Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jagħtu vot konsultattiv, sakemm fejn l-azzjonisti jivvutaw kontra l-politika ta' remunerazzjoni u fejn il-kumpanija tidentifika r-raġunijiet għar-rifjut, din għandha tispjega fil-laqgħa ġenerali li jmiss jekk ikunx ġie kkunsidrat il-vot tal-azzjonisti jew le, u jekk iva, kif sar dan***. Il-politika ta' remunerazzjoni tiġi sottomessa ***għall-vot*** tal-azzjonisti ***kull meta jkun hemm bidla materjali fil-politika u fi kwalunkwe każ mill-inqas*** kull ***ħames*** snin.

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-emenda tintroduċi l-possibbiltà għall-Istati Membri li jistabbilixxu li l-vot ex ante tal-azzjonisti dwar il-politika ta' remunerazzjoni jkun konsultattiv ukoll, f'konformità ma' approċċ ibbażat fuq il-prinċipju. Filfatt, kif jidher mill-esperjenza ta' ċerti Stati Membri, fejn il-politika ta' remunerazzjoni hija soġġetta għal vot mhux vinkolanti, dawn ir-regoli jirriżultaw effikaċi biżżejjed, anke jekk ikun diffiċli li l-bord ta' amministrazzjoni ma jqisx il-vot tal-laqgħa ġenerali.*

**Emenda 300**
**Heinz K. Becker**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 4**
Direttiva 2007/36/KE
Artikolu 9 a – paragrafu 1 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri jiżguraw li l-azzjonisti jkollhom id-dritt li jivvutaw fuq il-politika ta' remunerazzjoni fir-rigward tad-diretturi. ***Il-kumpaniji jħallsu biss remunerazzjoni lid-diretturi tagħhom skont il-politika ta' remunerazzjoni li tkun ġiet approvata*** | 1. L-Istati Membri jiżguraw li ***l-kumpaniji jfasslu politika ta' remunerazzjoni għall-governanza korporattiva. Din il-politika għandha tiżgura*** li l-azzjonisti jkollhom id-dritt li jivvutaw fuq il-politika ta' remunerazzjoni fir-rigward tad-diretturi. |

| | |
|---|---|
| ***mill-azzjonisti.*** Il-politika ta' remunerazzjoni tiġi sottomessa għall-approvazzjoni tal-azzjonisti kull tliet snin. | ***Ir-riżultat tal-vot fil-laqgħa ġenerali għandu jkun ta' natura rakkomandabbli.*** Il-politika ta' remunerazzjoni tiġi sottomessa għall-approvazzjoni tal-azzjonisti kull tliet snin. |

Or. de

*Ġustifikazzjoni*

*It-tibdiliet proposti jieħdu kont tal-istruttura tradizzjonali tal-kumpaniji pubbliċi b'responsabbiltà limitata u tal-mekkaniżmi superviżorji tagħhom f'ħafna Stati Membri. Li l-laqgħa ġenerali (waħedha) tkun tista' tiddeċiedi dwar il-politika ta' remunerazzjoni jwassal għal bidla fundamentali fis-setgħat superviżorji u setgħat oħrajn.*

**Emenda 301**
**Morten Messerschmidt, Andrzej Duda, Angel Dzhambazki**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 4**
Direttiva 2007/36/KE
Artikolu 9a – paragrafu 1 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri jiżguraw li l-azzjonisti jkollhom id-dritt li jivvutaw fuq il-politika ta' remunerazzjoni fir-rigward tad-diretturi. Il-kumpaniji jħallsu biss remunerazzjoni lid-diretturi tagħhom skont il-politika ta' remunerazzjoni li tkun ġiet approvata mill-azzjonisti. Il-politika ta' remunerazzjoni tiġi sottomessa għall-approvazzjoni tal-azzjonisti kull tliet snin. | 1. L-Istati Membri jiżguraw li l-azzjonisti jkollhom id-dritt li jivvutaw fuq il-politika ta' remunerazzjoni fir-rigward tad-diretturi. Il-kumpaniji jħallsu biss remunerazzjoni lid-diretturi tagħhom skont il-politika ta' remunerazzjoni li tkun ġiet approvata mill-azzjonisti. Il-politika ta' remunerazzjoni tiġi sottomessa għall-approvazzjoni tal-azzjonisti kull tliet snin. ***Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jippermettu li l-kumpaniji jissottomettu l-politika għall-approvazzjoni mil-laqgħa ġenerali biss meta jkun hemm proposta għal emenda.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Mhuwiex neċessarju li vot isir obbligatorju f'intervalli regolari, għaliex l-azzjonisti, skont id-*

*Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Azzjonisti, diġà għandhom dritt kemm li jitolbu tali vot kif ukoll li jitolbu diskussjoni dwar il-politika ta' remunerazzjoni attwali. Għaldaqstant huwa biżżejjed li jkun mitlub li l-politika tiġi sottomessa għall-approvazzjoni mil-laqgħa ġenerali meta jkun hemm proposta għal emenda tal-politika, kemm jekk il-proposta toriġina mill-Bord jew inkella minn azzjonisti individwali. Din għandha tkun mill-inqas għażla tal-Istat Membru.*

**Emenda 302**
**Angelika Niebler, Axel Voss**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 4**
Direttiva 2007/36/KE
Artikolu 9 a – paragrafu 1 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri jiżguraw li ***l-azzjonisti jkollhom id-dritt li jivvutaw fuq il-politika*** ta' remunerazzjoni fir-rigward tad-diretturi. Il-kumpaniji jħallsu ***biss*** remunerazzjoni lid-diretturi tagħhom skont il-politika ta' remunerazzjoni ***li tkun ġiet approvata mill-azzjonisti***. ***Il-politika*** ta' remunerazzjoni ***tiġi sottomessa għall-approvazzjoni tal-azzjonisti kull tliet snin***. | 1. L-Istati Membri jiżguraw li ***l-kumpaniji jintroduċu politika*** ta' remunerazzjoni fir-rigward tad-diretturi. ***L-Istati Membri jiżguraw ukoll li l-azzjonisti jieħdu vot konsultattiv jew vinkolanti fuq din il-politika ta' remunerazzjoni.*** Il-kumpaniji jħallsu remunerazzjoni lid-diretturi tagħhom skont ***din*** il-politika ta' remunerazzjoni. ***It-tibdiliet fil-politika*** ta' remunerazzjoni ***għandhom jiġu sottomessi għal vot konsultattiv jew vinkolanti mill-azzjonisti***. |

Or. de

*Ġustifikazzjoni*

*F'sistemi ta' liġi tal-kumpaniji ta' żewġ livelli, l-Istati Membri għandu jibqa' jkollhom l-għażla dwar jekk vot fuq il-kwistjonijiet ta' remunerazzjoni fil-laqgħa ġenerali jkunx ta' natura vinkolanti jew konsultattiva.*

**Emenda 303**
**Pascal Durand**

**Proposta għal Direttiva**
**Artikolu 1 – punt 4**
Direttiva 2007/36/KE
Artikolu 9a – paragrafu 1 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri jiżguraw li l-azzjonisti jkollhom id-dritt li jivvutaw fuq il-politika ta' remunerazzjoni fir-rigward tad-diretturi. Il-kumpaniji jħallsu biss remunerazzjoni lid-diretturi tagħhom skont il-politika ta' remunerazzjoni li tkun ġiet approvata mill-azzjonisti. ***Il-politika ta' remunerazzjoni*** tiġi sottomessa għall-approvazzjoni ***tal-azzjonisti*** kull tliet snin. | L-Istati Membri jiżguraw li l-azzjonisti jkollhom id-dritt li jivvutaw fuq il-politika ta' remunerazzjoni fir-rigward ***tad-diriġenti eżekuttivi u*** tad-diretturi. Il-kumpaniji jħallsu biss remunerazzjoni ***lid-diriġenti eżekuttivi u*** lid-diretturi tagħhom skont il-politika ta' remunerazzjoni li tkun ġiet approvata mill-azzjonisti. ***Kull bidla fil-politika tiġi approvata mill-azzjonisti u l-politika*** tiġi sottomessa għall-approvazzjoni ***ta' dawn tal-aħħar*** kull tliet snin. |

Or. fr

**Emenda 304**
**Tadeusz Zwiefka**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 4**
Direttiva 2007/36/KE
Artikolu 9a – paragrafu 1 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Il-kumpaniji jistgħu, f'każ ta' reklutaġġ ta' membri ġodda tal-bord, jiddeċiedu li jħallsu remunerazzjoni lil direttur individwali barra mill-politika approvata, fejn il-pakkett ta' remunerazzjoni tad-direttur individwali jkun irċieva approvazzjoni preċedenti mill-azzjonisti abbażi tal-informazzjoni dwar kwistjonijiet imsemmija fil-paragrafu 3. Ir-remunerazzjoni tista' tingħata b'mod provviżorju sakemm jiġu approvati mill-azzjonisti.*** | ***imħassar*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Is-subparagrafu 2 jintroduċi l-inċertezza u l-imprevedibbiltà u jista' jwassal għal kunflitt bejn diretturi li jkunu għandhom kif inħatru u kumpanija, għalhekk għandu jiġi sostitwit mid-dispożizzjoni li tippermetti lil kumpanija li tistabbilixxi proċedura interna.*

**Emenda 305**
**Bendt Bendtsen, Ulla Tørnæs**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 4**
Direttiva 2007/36/KE
Artikolu 9a – paragrafu 1 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Il-kumpaniji jistgħu, f'każ ta' reklutaġġ ta' membri ġodda tal-bord, jiddeċiedu li jħallsu remunerazzjoni lil direttur individwali barra mill-politika approvata, fejn il-pakkett ta' remunerazzjoni tad-direttur individwali jkun irċieva approvazzjoni preċedenti mill-azzjonisti abbażi tal-informazzjoni dwar kwistjonijiet imsemmija fil-paragrafu 3. Ir-remunerazzjoni tista' tingħata b'mod provviżorju sakemm jiġu approvati mill-azzjonisti.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 306**
**József Szájer**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 4**
Direttiva 2007/36/KE
Artikolu 9a – paragrafu 1 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Il-kumpaniji jistgħu, f'każ ta' reklutaġġ ta' membri ġodda tal-bord, jiddeċiedu li jħallsu remunerazzjoni lil direttur*** | ***imħassar*** |

| | |
|---|---|
| ***individwali barra mill-politika approvata, fejn il-pakkett ta' remunerazzjoni tad-direttur individwali jkun irċieva approvazzjoni preċedenti mill-azzjonisti abbażi tal-informazzjoni dwar kwistjonijiet imsemmija fil-paragrafu 3. Ir-remunerazzjoni tista' tingħata b'mod provviżorju sakemm jiġu approvati mill-azzjonisti.*** | |

Or. en

**Emenda 307**
**Morten Messerschmidt, Andrzej Duda, Angel Dzhambazki**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 4**
Direttiva 2007/36/KE
Artikolu 9a – paragrafu 1 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Il-kumpaniji jistgħu, f'każ ta' reklutaġġ ta' membri ġodda tal-bord, jiddeċiedu li jħallsu remunerazzjoni lil direttur individwali barra mill-politika approvata, fejn il-pakkett ta' remunerazzjoni tad-direttur individwali jkun irċieva approvazzjoni preċedenti mill-azzjonisti abbażi tal-informazzjoni dwar kwistjonijiet imsemmija fil-paragrafu 3. Ir-remunerazzjoni tista' tingħata b'mod provviżorju sakemm jiġu approvati mill-azzjonisti.*** | ***imħassar*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*The proposed flexibility in subparagraph 2 to pay outside the approved policy provides no real flexibility. Ex ante shareholder approval of the individual remuneration package is not more flexible than ex ante shareholder approval of a revised policy, and no director candidate would agree to a provisional agreement pending approval by the shareholders. The latter could take months, would be burdensome and – if shareholders are really to assess the justification of the remuneration package - would entail disclosure of the identity of the*

*candidate. No candidate would endure that. Instead, the policy itself must be flexible.*

**Emenda 308**
**Philippe De Backer**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 4**
Direttiva 2007/36/KE
Artikolu 9a – paragrafu 1 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-kumpaniji jistgħu, f'każ ta' reklutaġġ ta' membri ġodda tal-bord, jiddeċiedu li jħallsu remunerazzjoni lil direttur individwali barra mill-politika approvata, fejn ***il-pakkett*** ta' remunerazzjoni tad-direttur individwali jkun irċieva approvazzjoni preċedenti mill-azzjonisti abbażi tal-informazzjoni dwar kwistjonijiet imsemmija fil-paragrafu 3. Ir-remunerazzjoni tista' tingħata b'mod provviżorju sakemm jiġu approvati mill-azzjonisti. | Il-kumpaniji jistgħu, f'każ ta' reklutaġġ ta' membri ġodda tal-bord, jiddeċiedu li jħallsu remunerazzjoni lil direttur individwali barra mill-politika approvata, fejn ***l-elementi bażiċi tal-pakkett*** ta' remunerazzjoni tad-direttur individwali jkun irċieva approvazzjoni preċedenti mill-azzjonisti abbażi tal-informazzjoni dwar kwistjonijiet imsemmija fil-paragrafu 3. Ir-remunerazzjoni tista' tingħata b'mod provviżorju sakemm jiġu approvati mill-azzjonisti. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Ir-referenza għall-pakkett ta' remunerazzjoni individwali mhijiex ċara.*

**Emenda 309**
**Giovanni Toti**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 4**
Direttiva 2007/36/KE
Artikolu 9a – paragrafu 1 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-kumpaniji jistgħu***, f'każ ta' reklutaġġ ta' membri ġodda tal-bord,*** jiddeċiedu li jħallsu remunerazzjoni lil direttur | Il-kumpaniji jistgħu jiddeċiedu li jħallsu remunerazzjoni lil direttur individwali barra mill-politika ***vvutata***, fejn il-pakkett |

| | |
|---|---|
| individwali barra mill-politika ***approvata***, fejn il-pakkett ta' remunerazzjoni tad-direttur individwali ***jkun irċieva approvazzjoni preċedenti mill-azzjonisti abbażi tal-informazzjoni dwar kwistjonijiet imsemmija fil-paragrafu 3. Ir-remunerazzjoni tista' tingħata b'mod provviżorju sakemm jiġu approvati mill-azzjonisti***. | ta' remunerazzjoni tad-direttur individwali ***jiġi sottomess għall-vot tal-azzjonisti fil-laqgħa ġenerali li jmiss***. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-proposta tistabbilixxi, f'każ ta' ħatra ta' direttur ġdid, li l-kumpanija tkun tista' tħallsu remunerazzjoni mill-politika ta' remunerazzjoni vvutata, jekk din tkun approvata mill-azzjonisti. Din id-dispożizzjoni ftit li xejn hija ċara. Dan jista' jwassal ċerti professjonisti kwalifikati li jitbiegħdu mill-kumpaniji Ewropej. Id-dispożizzjoni għandha tiġi sostitwita b'waħda iktar flessibbli, li tippermetti l-ħlas ta' remunerazzjoni li mhijiex inkluża fil-politika ta' remunerazzjoni adottata.*

**Emenda 310**
**Laura Ferrara**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 4**
Direttiva 2007/36/KE
Artikolu 9a – paragrafu 1 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Il-kumpaniji jistgħu, f'każ ta' reklutaġġ ta' membri ġodda tal-bord, jiddeċiedu li jħallsu remunerazzjoni lil direttur individwali barra mill-politika approvata, fejn il-pakkett ta' remunerazzjoni tad-direttur individwali jkun irċieva approvazzjoni preċedenti mill-azzjonisti abbażi tal-informazzjoni dwar kwistjonijiet imsemmija fil-paragrafu 3. Ir-remunerazzjoni tista' tingħata b'mod provviżorju sakemm jiġu approvati mill-azzjonisti***. | ***Fil-każ meta tkun nieqsa politika ta' remunerazzjoni, jiġifieri ma jkunx ġie approvat l-abbozz ta' politika ta' remunerazzjoni sottomessa lill-azzjonisti, ir-remunerazzjoni tad-diretturi se tkun temporanjament parametrizzata fuq il-livelli minimi previsti mill-prattika attwali, sakemm ma jkunx approvat abbozz ta' politika ta' remunerazzjoni ġdid***. |

Or. it

**Emenda 311**
**Pascal Durand**

**Proposta għal Direttiva**
**Artikolu 1 – punt 4**
Direttiva 2007/36/KE
Artikolu 9a – paragrafu 1 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Il-kumpaniji jistgħu, f'każ ta' reklutaġġ ta' membri ġodda tal-bord, jiddeċiedu li jħallsu remunerazzjoni lil direttur individwali barra mill-politika approvata, fejn il-pakkett ta'*** remunerazzjoni ***tad-direttur individwali jkun irċieva approvazzjoni preċedenti mill-azzjonisti abbażi tal-informazzjoni dwar kwistjonijiet imsemmija fil-paragrafu 3. Ir-remunerazzjoni tista' tingħata b'mod provviżorju sakemm jiġu approvati mill-azzjonisti***. | ***F'każ fejn ma teżistix politika ta' remunerazzjoni u li l-azzjonisti jkunu rrifjutaw l-abbozz ta' politika ta' remunerazzjoni li jkun ġie sottomess lilhom, il-kumpanija, wara li tirrevedi dan l-abbozz, tista' tħallas lid-diriġenti tagħha skont il-prattiki eżistenti waqt perjodu li ma jistax jaqbeż sena.*** |
| | ***F'każijiet fejn tkun ġiet adottata politika ta'*** remunerazzjoni ***u l-azzjonisti jkunu rrifjutaw l-abbozz tal-politika l-ġdida li jkun ġie sottomess lilhom fi żmien il-limitu ta' tliet snin stabbilit fl-ewwel subparagrafu, il-kumpanija tista', waqt li tkun qed tirrevedi l-abbozz u għal perjodu ta' mhux aktar minn sena, tħallas remunerazzjoni lid-diriġenti tagħha skont il-politika li tkun skadiet***. |

Or. fr

**Emenda 312**
**Therese Comodini Cachia**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 4**
Direttiva 2007/36/KE
Artikolu 9a – paragrafu 1 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Il-kumpaniji jistgħu, f'każ ta' reklutaġġ ta' membri ġodda tal-bord, jiddeċiedu li jħallsu remunerazzjoni lil direttur individwali barra mill-politika approvata, fejn il-pakkett ta' remunerazzjoni tad-direttur individwali jkun irċieva approvazzjoni preċedenti mill-azzjonisti abbażi tal-informazzjoni dwar kwistjonijiet imsemmija fil-paragrafu 3. Ir-remunerazzjoni tista' tingħata b'mod provviżorju sakemm jiġu approvati mill-azzjonisti.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 313**
**Heinz K. Becker**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 4**
Direttiva 2007/36/KE
Artikolu 9 a – paragrafu 1 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Il-kumpaniji jistgħu, f'każ ta' reklutaġġ ta' membri ġodda tal-bord, jiddeċiedu li jħallsu remunerazzjoni lil direttur individwali barra mill-politika approvata, fejn il-pakkett ta' remunerazzjoni tad-direttur individwali jkun irċieva approvazzjoni preċedenti mill-azzjonisti abbażi tal-informazzjoni dwar kwistjonijiet imsemmija fil-paragrafu 3. Ir-remunerazzjoni tista' tingħata b'mod provviżorju sakemm jiġu approvati mill-azzjonisti***. | ***Id-Direttiva ma tipprevjenix lill-Istati Membri milli jagħtu lil-laqgħa ġenerali jew lil korpi amministrattivi jew superviżorji oħrajn tal-kumpanija setgħat vinkolanti ta' approvazzjoni fil-liġi nazzjonali tagħhom fir-rispett tal-politika ta' remunerazzjoni tal-kumpanija***. |

Or. de

*Ġustifikazzjoni*

*It-tibdiliet proposti jieħdu kont tal-istruttura tradizzjonali tal-kumpaniji pubbliċi b'responsabbiltà limitata u tal-mekkaniżmi superviżorji tagħhom f'ħafna Stati Membri. Li l-laqgħa ġenerali (waħedha) tkun tista' tiddeċiedi dwar il-politika ta' remunerazzjoni jwassal għal bidla fundamentali fis-setgħat superviżorji u setgħat oħrajn.*

**Emenda 314**
**Angelika Niebler, Axel Voss**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4**
Direttiva 2007/36/KE
Artikolu 9 a – paragrafu 1 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-kumpaniji jistgħu, f'każ ta' reklutaġġ ta' membri ġodda tal-bord, jiddeċiedu li jħallsu remunerazzjoni lil direttur individwali barra mill-politika ***approvata, fejn il-pakkett*** ta' remunerazzjoni ***tad-direttur individwali jkun ġie approvat preċedentement mill-azzjonisti abbażi tal-informazzjoni dwar kwistjonijiet imsemmija fil-paragrafu 3****. **Ir-remunerazzjoni tista' tingħata b'mod provviżorju sakemm jiġu approvati mill-azzjonisti***. | Il-kumpaniji jistgħu, f'każ ta' reklutaġġ ta' membri ġodda tal-bord, jiddeċiedu li jħallsu remunerazzjoni lil direttur individwali barra mill-politika ta' remunerazzjoni. ***L-eċċezzjoni għall-politika ta' remunerazzjoni għandha tiġi sottomessa għal vot konsultattiv jew vinkolanti fil-laqgħa ġenerali annwali li jmiss***. |

Or. de

*Ġustifikazzjoni*

*Ir-rwol tal-korp superviżorju fis-sistemi tal-liġi tal-kumpanija fuq żewġ livelli m'għandux jitnaqqas fil-grad minħabba d-dispożizzjonijiet stipulati fid-Direttiva.*

**Emenda 315**
**Tadeusz Zwiefka**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 4**
Direttiva 2007/36/KE
Artikolu 9a – paragrafu 1 – subparagrafu 2a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu li l-vot tal-azzjonisti dwar il-politika ta' remunerazzjoni jkun konsultattiv. Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jippermettu lill-kumpaniji jistabbilixxu proċedura interna li tiddefinixxi r-regoli dwar ir-remunerazzjoni għal diretturi lil hinn mill-politika ta' remunerazzjoni ġenerali. L-Istati Membri jiżguraw li l-azzjonisti jkollhom id-dritt li jivvutaw fuq il-proċedura interna. L-Istati Membri jistabbilixxu l-konsegwenzi ta' vot negattiv tal-azzjonisti fil-liġijiet nazzjonali rispettivi tagħhom.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-Artikolu 9a ma jirriflettix il-fatt li fl-UE jeżistu żewġ sistemi differenti ta' kumpaniji operattivi jiġifieri, is-sistema dualistika u monistika ta' ġestjoni u superviżjoni. F'sistema monistika jeżisti biss bord amministrattiv individwali (bord tad-diretturi) li jmexxi n-negozju ta' kumpaniji u fis-sistema dualistika żewġ korpi separati, bord ta' ġestjoni responsabbli għal negozju ta' kuljum u, bord superviżorju li jissorvelja l-bord ta' ġestjoni.*

**Emenda 316**
**Pascal Durand**

**Proposta għal Direttiva**
**Artikolu 1 – punt 4**
Direttiva 2007/36/KE
Artikolu 9a – paragrafu 1 – subparagrafu 2a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***L-Istati Membri jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex l-impjegati jkollhom is-setgħa permezz tar-rappreżentanti tagħhom, biex jagħtu l-opinjoni tagħhom dwar il-politika ta' remunerazzjoni qabel ma din tiġi ppreżentata lill-azzjonisti.*** |

Or. fr

**Emenda 317**
**Angelika Niebler, Axel Voss**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 4**
Direttiva 2007/36/KE
Artikolu 9 a – paragrafu 1 – subparagrafu 2 a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Fejn l-Istati Membri jipprevedu vot vinkolanti mill-azzjonisti u t-tibdiliet lill-politika ta' remunerazzjoni jiġu rrifjutati, il-kumpanija għandha ssegwi l-politika ta' remunerazzjoni applikata s'issa.*** |

Or. de

*Ġustifikazzjoni*

*Dan il-paragrafu għandu jipprovdi iktar sigurtà legali fir-rigward tal-konsegwenzi fejn l-Istati Membri jipprevedu vot vinkolanti mill-partijiet interessati u t-tibdiliet lill-politika ta' remunerazzjoni jiġu rrifjutati mil-laqgħa ġenerali.*

**Emenda 318**
**Angelika Niebler, Axel Voss**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 4**
Direttiva 2007/36/KE
Artikolu 9 a – paragrafu 1 – subparagrafu 2 b (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***L-Istati Membri jistgħu jipprevedu li l-kumpaniji ma jkunux marbuta mir-riżultat tal-vot dwar il-politika ta' remunerazzjoni. F'dan il-każ, fejn l-azzjonisti jivvutaw kontra l-politika ta' remunerazzjoni, il-korp amministrattiv jew superviżorju għandu jikkunsidra jekk tistax tiġi sottomessa lill-azzjonisti politika*** |

| | |
|---|---|
| | ***ta' remunerazzjoni riveduta li tiehu kont tal-oġġezzjonijiet tal-azzjonisti fil-laqgħa ġenerali li jmiss.*** |

Or. de

*Ġustifikazzjoni*

*Deċiżjoni vinkolanti dwar il-politika ta' remunerazzjoni mill-azzjonisti fil-laqgħa ġenerali għandha tiġi rifjutata, partikolarment meta jiġi kkunsidrat l-istat partikolari ta' korp amministrattiv jew superviżorju f'sistemi fuq żewġ livelli.*

**Emenda 319**
**Sajjad Karim**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 4**
Direttiva 2007/36/KE
Artikolu 9a – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***2. L-Istati Membri jiżguraw li l-politika ta' remunerazzjoni tkun ċara, tinftiehem, konformi mal-istrateġija kummerċjali, mal-għanijiet, mal-valuri u mal-interessi fit-tul tal-kumpanija u li tinkorpora miżuri biex jiġu evitati l-kunflitti ta' interess.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 320**
**Angelika Niebler, Axel Voss**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 4**
Direttiva 2007/36/KE
Artikolu 9 a – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. ***L-Istati Membri jiżguraw li*** l-politika ta' | 2. Il-politika ta' remunerazzjoni ***għandha*** |

| | |
|---|---|
| remunerazzjoni tkun ċara, tinftiehem, konformi mal-istrateġija kummerċjali, mal-għanijiet, mal-valuri u mal-interessi fit-tul tal-kumpanija u ***li*** tinkorpora miżuri biex jiġu evitati l-kunflitti ta' interess. | tkun ċara, tinftiehem ***u*** konformi mal-istrateġija kummerċjali, mal-għanijiet, mal-valuri u mal-interessi fit-tul tal-kumpanija u ***għandha*** tinkorpora miżuri biex jiġu evitati l-kunflitti ta' interess. |

Or. de

*Ġustifikazzjoni*

*L-Istati Membri ma jistgħux ikunu responsabbli għall-kontenut tal-politiki ta' remunerazzjoni tal-kumpaniji individwali. Madankollu, il-politika ta' remunerazzjoni xorta waħda għandha tkun soġġetta għal ċertu kriterji.*

**Emenda 321**
**Sajjad Karim**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4**
Direttiva 2007/36/KE
Artikolu 9a – paragrafu 3 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Il-politika tispjega kif din tikkontribwixxi għall-interessi u s-sostenibilità fit-tul tal-kumpanija. Hija tistipula kriterji ċari għall-għoti ta' rimunerazzjoni fissa u varjabbli, inklużi l-benefiċċji kollha, f'kull forma. | 3. Il-politika ***għandha tkun ċara u tinftiehem, u*** tispjega kif din tikkontribwixxi għall-interessi u s-sostenibilità fit-tul tal-kumpanija. Hija tistipula kriterji ċari għall-għoti ta' rimunerazzjoni fissa u varjabbli, inklużi l-benefiċċji kollha, f'kull forma. |

Or. en

**Emenda 322**
**Bendt Bendtsen, Ulla Tørnæs**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 4**
Direttiva 2007/36/KE
Artikolu 9a – paragrafu 3 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Il-politika tispjega kif din tikkontribwixxi għall-interessi u s-sostenibilità fit-tul tal-kumpanija. Hija ***tistipula kriterji*** ċari għall-għoti ta' rimunerazzjoni fissa u varjabbli***, inklużi l-benefiċċji kollha, f'kull forma***. | 3. Il-politika tispjega kif din tikkontribwixxi għall-interessi u s-sostenibilità fit-tul tal-kumpanija ***mingħajr ma tobbliga lill-kumpaniji biex jiżvelaw informazzjoni kummerċjali sensittiva***. Hija ***tipprovdi linji gwida*** ċari ***dwar il-kriterji applikabbli*** għall-għoti ta' rimunerazzjoni fissa u varjabbli. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*In companies with a two-tier board structure, setting a too detailed remuneration policy can hamper the shareholder influence as well as necessary business confidentiality. If the shareholder majority of the company is not satisfied with the level of detail proposed by the Board, the policy will not be approved and thus must be amended until the shareholders are satisfied. The proposed amendment would ensure that shareholders are empowered to have the remuneration policy they find most suitable for their company, whereas a mandatory level of detail takes away the freedom for shareholders to decide.*

**Emenda 323**
**Jean-Marie Cavada**

**Proposta għal Direttiva**
**Artikolu 1 – punt 4**
Direttiva 2007/36/KE
Artikolu 9a – paragrafu 3 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-politika tispjega kif din tikkontribwixxi ***għall-interessi*** u s-sostenibilità fit-tul ***tal-kumpanija***. ***Hija tistipula kriterji ċari għall-għoti*** ta' ***rimunerazzjoni*** fissa u varjabbli, inklużi l-benefiċċji kollha, f'kull forma. | Il-politika tispjega kif din tikkontribwixxi ***għall-istrateġija tal-kumpanija, l-interessi tagħha*** u s-sostenibilità fit-tul ***tagħha***. ***Hija tiddeskrivi l-elementi differenti tal-għoti*** ta' ***remunerazzjoni*** fissa u varjabbli, inklużi l-benefiċċji kollha, f'kull forma***, li jingħataw lid-diretturi***. |

Or. fr

**Emenda 324**
**József Szájer**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 4**
Direttiva 2007/36/KE
Artikolu 9a – paragrafu 3 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Il-politika tispjega kif din tikkontribwixxi għall-interessi u s-sostenibilità fit-tul tal-kumpanija. Hija ***tistipula kriterji*** ċari għall-għoti ta' rimunerazzjoni fissa u varjabbli***, inklużi l-benefiċċji kollha, f'kull forma***. | 3. Il-politika tispjega kif din tikkontribwixxi għall-interessi u s-sostenibilità fit-tul tal-kumpanija ***mingħajr ma tobbliga lill-kumpaniji biex jiżvelaw informazzjoni kummerċjali sensittiva***. Hija ***tipprovdi linji gwida*** ċari ***dwar il-kriterji applikabbli*** għall-għoti ta' rimunerazzjoni fissa u varjabbli. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*In companies with a two-tier board structure, setting a too detailed remuneration policy can hamper the shareholder influence as well as necessary business confidentiality. If the shareholder majority of the company is not satisfied with the level of detail proposed by the Board, the policy will not be approved and thus must be amended until the shareholders are satisfied. The proposed amendment would ensure that shareholders are empowered to have the remuneration policy they find most suitable for their company, whereas a mandatory level of detail takes away the freedom for shareholders to decide.*

**Emenda 325**
**Sergio Gaetano Cofferati**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 4**
Direttiva 2007/35/KE
Artikolu 9a – paragrafu 3 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Il-politika tispjega kif din tikkontribwixxi għall-interessi u s-sostenibilità fit-tul tal-kumpanija. Hija tistipula kriterji ċari għall-għoti ta' | 3. Il-politika tispjega kif din tikkontribwixxi għall-interessi u s-sostenibilità fit-tul tal-kumpanija. Hija tistipula kriterji ċari għall-għoti ta' |

| | |
|---|---|
| rimunerazzjoni fissa u varjabbli, inklużi l-benefiċċji kollha, f'kull forma. | rimunerazzjoni fissa u varjabbli, inklużi ***l-bonuses kollha u*** l-benefiċċji kollha, f'kull forma. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Kjarifika li ġejja mir-Rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar ir-remunerazzjoni ta' diretturi ta' kumpaniji elenkati.*

**Emenda 326**
**Morten Messerschmidt, Andrzej Duda, Angel Dzhambazki**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 4**
Direttiva 2007/36/KE
Artikolu 9a – paragrafu 3 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Il-politika tispjega kif din tikkontribwixxi għall-interessi u s-sostenibilità fit-tul tal-kumpanija. Hija ***tistipula kriterji*** ċari għall-għoti ta' rimunerazzjoni fissa u varjabbli, ***inklużi l-benefiċċji kollha, f'kull forma***. | 3. Il-politika tispjega kif din tikkontribwixxi ***għall-istrateġija tal-kumpaniji u*** għall-interessi fit-tul, l-istrateġija tal-kumpanija u s-sostenibilità fit-tul tal-kumpanija. Hija ***tindika l-komponenti tar-remunerazzjoni fissa u varjabbli li jistgħu jingħataw u tagħti linji gwida*** ċari ***u komprensivi dwar il-kriterji*** għall-għoti ta' rimunerazzjoni fissa u varjabbli, ***mingħajr ma tiġi żvelata informazzjoni detrimentali għall-interessi tal-kumpanija b'dan il-mod***. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Huwa importanti li jiġi żgurat li l-kumpaniji elenkati Ewropej ma jkunux obbligati li jiżvelaw informazzjoni kummerċjali sensittiva li tista' tostakola l-flessibbiltà operattiva jew il-pożizzjoni ta' negozjar tagħhom. Pereżempju, jekk il-politika ssemmi l-kriterji ta' prestazzjoni li għandhom jintużaw, din tista' tinvolvi żvelar detrimentali, eż. jekk kriterju ta' prestazzjoni jkun "Xiri ta' kumpanija [X] għal prezz li ma jaqbiżx [Y] se jiġu ppremjati b'bonus ta' [Z]".*

**Emenda 327**
**Angelika Niebler, Axel Voss**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 4**
Direttiva 2007/36/KE
Artikolu 9 a – paragrafu 3 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Il-politika tispjega kif din tikkontribwixxi għall-interessi u s-sostenibilità fit-tul tal-kumpanija. Hija ***tistipula kriterji ċari għall-għoti*** ta' remunerazzjoni fissa u varjabbli, ***inklużi l-benefiċċji kollha, f'kull forma***. | 3. Il-politika tispjega kif din tikkontribwixxi għall-interessi u s-sostenibilità fit-tul tal-kumpanija. Hija ***tistipula l-komponenti essenzjali*** ta' remunerazzjoni fissa u varjabbli, ***mingħajr ma tiddivulga informazzjoni sensittiva li tista' tkun ta' ħsara għall-kumpanija***. |

Or. de

*Ġustifikazzjoni*

*Il-kumpaniji m'għandhomx ikunu obbligati jippubblikaw informazzjoni sensittiva li tista' tagħti vantaġġi mhux ġustifikati lill-kompetituri. Fis-sistemi tal-liġi tal-kumpanija ta' żewġ livelli, il-korp superviżorju għandu jingħata biżżejjed flessibilità biex iwettaq il-kompiti tiegħu b'mod xieraq. Dan ifisser li l-komponenti essenzjali tar-remunerazzjoni fissa u varjabbli biss għandhom jiġu stipulati fil-politika ta' remunerazzjoni.*

**Emenda 328**
**Therese Comodini Cachia**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 4**
Direttiva 2007/36/KE
Artikolu 9a – paragrafu 3 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Il-politika tindika l-ammonti massimi ta' remunerazzjoni totali li jistgħu jingħataw, u l-proporzjon relattiv korrispondenti tal-komponenti differenti ta' remunerazzjoni fissa u varjabbli. Hija tispjega kif il-ħlas u l-kundizzjonijiet tal-impjieg tal-impjegati tal-kumpanija kienu ikkunsidrati meta*** | ***L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu li l-politika tistipula l-proporzjonijiet adegwati bejn il-komponent fiss u varjabbli tar-remunerazzjoni totali***. |

***ġew stabbiliti l-politika jew ir-rimunerazzjoni tad-diretturi billi tispjega l-proporzjon bejn ir-rimunerazzjoni medja tad-diretturi u r-remunerazzjoni medja tal-impjegati full time tal-kumpanija minbarra d-diretturi, u għalfejn dan il-proporzjon jitqies xieraq. Il-politika tista' b'mod eċċezzjonali tkun mingħajr proporzjon fil-każ ta' ċirkostanzi eċċezzjonali. F'dan il-każ, hija tispjega għalfejn ma hemmx proporzjon u liema miżuri ttieħdu bl-istess effett***.

Or. en

**Emenda 329**
**Philippe De Backer**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 4**
Direttiva 2007/36/KE
Artikolu 9a – paragrafu 3 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Il-politika tindika l-ammonti massimi ta' remunerazzjoni totali li jistgħu jingħataw, u l-proporzjon relattiv korrispondenti tal-komponenti differenti ta' remunerazzjoni fissa u varjabbli. Hija tispjega kif il-ħlas u l-kundizzjonijiet tal-impjieg tal-impjegati tal-kumpanija kienu ikkunsidrati meta ġew stabbiliti l-politika jew ir-rimunerazzjoni tad-diretturi billi tispjega l-proporzjon bejn ir-rimunerazzjoni medja tad-diretturi u r-remunerazzjoni medja tal-impjegati full time tal-kumpanija minbarra d-diretturi, u għalfejn dan il-proporzjon jitqies xieraq. Il-politika tista' b'mod eċċezzjonali tkun mingħajr proporzjon fil-każ ta' ċirkostanzi eċċezzjonali. F'dan il-każ, hija tispjega għalfejn ma hemmx proporzjon u liema miżuri ttieħdu bl-istess effett.*** | ***imħassar*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*It-tifsira mhijiex eżattament ċara għaliex hija wisq preskrittiva. X'inhu l-valur miżjud għall-azzjonisti li jirrappurtaw il-proporzjon ta' remunerazzjoni?*

**Emenda 330**
**Morten Messerschmidt, Andrzej Duda, Angel Dzhambazki**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 4**
Direttiva 2007/36/KE
Artikolu 9a – paragrafu 3 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| ***Il-politika tindika l-ammonti massimi ta' remunerazzjoni totali li jistgħu jingħataw, u l-proporzjon relattiv korrispondenti tal-komponenti differenti ta' remunerazzjoni fissa u varjabbli. Hija tispjega kif il-ħlas u l-kundizzjonijiet tal-impjieg tal-impjegati tal-kumpanija kienu ikkunsidrati meta ġew stabbiliti l-politika jew ir-rimunerazzjoni tad-diretturi billi tispjega l-proporzjon bejn ir-rimunerazzjoni medja tad-diretturi u r-remunerazzjoni medja tal-impjegati full time tal-kumpanija minbarra d-diretturi, u għalfejn dan il-proporzjon jitqies xieraq. Il-politika tista' b'mod eċċezzjonali tkun mingħajr proporzjon fil-każ ta' ċirkostanzi eċċezzjonali. F'dan il-każ, hija tispjega għalfejn ma hemmx proporzjon u liema miżuri ttieħdu bl-istess effett.*** | ***imħassar*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*It is equally crucial that EU-legislation is sufficiently flexible totake into account that companies have different board structures, and that the owners of listed companies should decide themselves how detailed a remuneration policy they want in their company. In companies with a two-tier board structure, setting a too detailed remuneration policy can hamper the ability of the upper-tier board to attract the best suitable candidates for the lower-tier board (e.g. the CEO). The remuneration policy should therefore provide a*

*comprehensive overview of the remuneration policy by requiring it to include guidelines on all issues of material importance for shareholders, but it should leave the level of detail in the guidelines for the shareholders of the individual company to decide. If theshareholder majority is not satisfied with the level of detail proposed by the Board, the policy will not be approved and must be amended until the shareholders are satisfied. Similarly, if some shareholders are not happy withan approved policy, they have the right according to the existing shareholderrights directive to demand that the policy is put on the agenda of the generalmeeting for the majority to decide; they can table draft resolutions; they can take the floor and express their opinion; and they can ask questions for the management to answer etc. The proposed amendment would ensure that shareholders are empowered to have the remuneration policy they find most suitable for their company, whereas a prescriptive level of detail takes away freedom forshareholders.*

**Emenda 331**
**Giovanni Toti**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 4**
Direttiva 2007/36/KE
Artikolu 9a – paragrafu 3 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-politika tindika ***l-ammonti massimi ta' remunerazzjoni totali li jistgħu jingħataw, u*** l-proporzjon relattiv ***korrispondenti*** tal-komponenti differenti ta' remunerazzjoni fissa u varjabbli. Hija tispjega kif il-ħlas u l-kundizzjonijiet tal-impjieg tal-impjegati tal-kumpanija kienu ikkunsidrati meta ġew stabbiliti l-politika jew ir-rimunerazzjoni tad-diretturi ***billi tispjega l-proporzjon bejn ir-rimunerazzjoni medja tad-diretturi u r-remunerazzjoni medja tal-impjegati full time tal-kumpanija minbarra d-diretturi, u għalfejn dan il-proporzjon jitqies xieraq***. ***Il-politika tista' b'mod eċċezzjonali tkun mingħajr proporzjon fil-każ ta' ċirkostanzi eċċezzjonali. F'dan il-każ, hija tispjega għalfejn ma hemmx proporzjon u liema miżuri ttieħdu bl-istess effett***. | Il-politika tindika l-proporzjon relattiv tal-komponenti differenti ta' remunerazzjoni fissa u varjabbli. Hija tispjega kif il-ħlas u l-kundizzjonijiet tal-impjieg tal-impjegati tal-kumpanija kienu ikkunsidrati meta ġew stabbiliti l-politika jew ir-rimunerazzjoni tad-diretturi. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-istabbiliment mil-laqgħa ġenerali tal-ammonti massimi ta' remunerazzjoni totali huwa operazzjoni teknikament kumplessa ħafna. Barra minn hekk, il-flessibbiltà hija element ewlieni fin-negozjar tar-remunerazzjoni tad-diretturi. Il-predeterminazzjoni tal-ammonti massimi tfisser interferenza serje fl-awtonomija kuntrattwali tal-partijiet u tirriskja tiġi kompromessa l-kapaċità tal-kumpanija li tattira l-aħjar professjonisti adattati għall-bżonnijiet u l-istrateġiji tagħha.*

**Emenda 332**
**Laura Ferrara**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 4**
Direttiva 2007/36/KE
Artikolu 9a – paragrafu 3 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-politika tindika l-ammonti massimi ta' remunerazzjoni totali li jistgħu jingħataw, u l-proporzjon relattiv korrispondenti tal-komponenti differenti ta' remunerazzjoni fissa u varjabbli. Hija tispjega kif il-ħlas u l-kundizzjonijiet tal-impjieg tal-impjegati tal-kumpanija kienu ikkunsidrati meta ġew stabbiliti l-politika jew ir-rimunerazzjoni tad-diretturi billi tispjega l-proporzjon bejn ir-rimunerazzjoni medja tad-diretturi u r-remunerazzjoni medja tal-impjegati ***full time*** tal-kumpanija ***minbarra d-diretturi,*** u għalfejn dan il-proporzjon jitqies xieraq. ***Il-politika tista' b'mod eċċezzjonali tkun mingħajr proporzjon fil-każ ta' ċirkostanzi eċċezzjonali. F'dan il-każ, hija tispjega għalfejn ma hemmx proporzjon u liema miżuri ttieħdu bl-istess effett.*** | Il-politika tindika l-ammonti massimi ta' remunerazzjoni totali li jistgħu jingħataw, u l-proporzjon relattiv korrispondenti tal-komponenti differenti ta' remunerazzjoni fissa u varjabbli. Hija tispjega kif il-ħlas u l-kundizzjonijiet tal-impjieg tal-impjegati tal-kumpanija kienu ikkunsidrati meta ġew stabbiliti l-politika jew ir-rimunerazzjoni tad-diretturi billi tispjega l-proporzjon bejn ir-rimunerazzjoni medja tad-diretturi ***eżekuttivi*** u r-remunerazzjoni medja tal-impjegati tal-kumpanija u għalfejn dan il-proporzjon jitqies xieraq. |

Or. it

**Emenda 333**
**Tadeusz Zwiefka**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 4**
Direttiva 2007/36/KE
Artikolu 9a – paragrafu 3 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| Il-politika ***tindika l-ammonti massimi ta' remunerazzjoni totali li jistgħu jingħataw, u l-proporzjon relattiv korrispondenti tal-komponenti differenti ta' remunerazzjoni fissa*** u varjabbli***. Hija tispjega kif il-ħlas u l-kundizzjonijiet tal-impjieg tal-impjegati tal-kumpanija kienu ikkunsidrati meta ġew stabbiliti l-politika jew ir-rimunerazzjoni tad-diretturi billi tispjega l-proporzjon bejn ir-rimunerazzjoni medja tad-diretturi u r-remunerazzjoni medja tal-impjegati full time tal-kumpanija minbarra d-diretturi, u għalfejn dan il-proporzjon jitqies xieraq. Il-politika tista' b'mod eċċezzjonali tkun mingħajr proporzjon fil-każ ta' ċirkostanzi eċċezzjonali. F'dan il-każ, hija tispjega għalfejn ma hemmx proporzjon u liema miżuri ttieħdu bl-istess effett***. | Il-politika ***tistabbilixxi l-proporzjonijiet adegwati bejn il-komponenti fissi*** u varjabbli ***tar-remunerazzjoni totali.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Ir-rekwiżit li jiġi stabbilit ammont massimu għar-remunerazzjoni tad-diretturi, komponenti kemm fissi kif ukoll varjabbli, imur lil hinn mill-iskop tal-proposta. L-iskop tar-rekwiżit li jiġi stabbilit proporzjon bejn remunerazzjoni medja tad-diretturi u remunerazzjoni medja ta' impjegati full time minbarra d-diretturi mhuwiex ċar.*

**Emenda 334**
**Sajjad Karim**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 4**
Direttiva 2007/36/KE
Artikolu 9a – paragrafu 3 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-politika tindika l-ammonti massimi ta' remunerazzjoni totali li jistgħu jingħataw, u l-proporzjon relattiv korrispondenti tal-komponenti differenti ta' remunerazzjoni fissa u varjabbli. Hija tispjega kif il-ħlas u l-kundizzjonijiet tal-impjieg tal-impjegati tal-kumpanija kienu ikkunsidrati meta ġew stabbiliti l-politika jew ir-rimunerazzjoni tad-diretturi billi tispjega l-proporzjon bejn ***ir-rimunerazzjoni medja*** tad-diretturi u ***r-remunerazzjoni medja*** tal-impjegati full time tal-kumpanija minbarra d-diretturi, u għalfejn dan il-proporzjon jitqies xieraq. Il-politika tista' b'mod eċċezzjonali tkun mingħajr proporzjon fil-każ ta' ċirkostanzi eċċezzjonali. F'dan il-każ, hija tispjega għalfejn ma hemmx proporzjon u liema miżuri ttieħdu bl-istess effett. | Il-politika tindika l-ammonti massimi ta' remunerazzjoni totali li jistgħu jingħataw, u l-proporzjon relattiv korrispondenti tal-komponenti differenti ta' remunerazzjoni fissa u varjabbli. Hija tispjega kif il-ħlas u l-kundizzjonijiet tal-impjieg tal-impjegati tal-kumpanija kienu ikkunsidrati meta ġew stabbiliti l-politika jew ir-rimunerazzjoni tad-diretturi billi tispjega l-proporzjon bejn ***l-aġġustament annwali medju tar-remunerazzjoni*** tad-diretturi u ***l-aġġustament annwali medju tar-remunerazzjoni*** tal-impjegati full time tal-kumpanija minbarra d-diretturi, u għalfejn dan il-proporzjon jitqies xieraq. Il-politika tista' b'mod eċċezzjonali tkun mingħajr proporzjon fil-każ ta' ċirkostanzi eċċezzjonali. F'dan il-każ, hija tispjega għalfejn ma hemmx proporzjon u liema miżuri ttieħdu bl-istess effett. |

Or. en

**Emenda 335**
**Bendt Bendtsen, Ulla Tørnæs**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 4**
Direttiva 2007/36/KE
Artikolu 9a – paragrafu 3 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-politika ***tindika l-ammonti massimi ta' remunerazzjoni totali li jistgħu jingħataw, u l-proporzjon relattiv korrispondenti tal-komponenti differenti*** ta' remunerazzjoni fissa u varjabbli. ***Hija tispjega kif il-ħlas u l-kundizzjonijiet tal-impjieg tal-impjegati tal-kumpanija kienu ikkunsidrati meta ġew stabbiliti l-politika jew ir-rimunerazzjoni tad-diretturi billi tispjega l-proporzjon bejn ir-rimunerazzjoni medja*** | Il-politika ***tista' tikkonsisti f'komponenti*** ta' remunerazzjoni ***kemm*** fissa u varjabbli ***li tista' tingħata. Jekk il-politika ta' remunerazzjoni tippermetti remunerazzjoni varjabbli, l-Istati Membri jistgħu jitolbu li l-politika tinkludi limiti għall-parti varjabbli tar-remunerazzjoni totali***. |

***tad-diretturi u r-remunerazzjoni medja tal-impjegati full time tal-kumpanija minbarra d-diretturi, u għalfejn dan il-proporzjon jitqies xieraq. Il-politika tista' b'mod eċċezzjonali tkun mingħajr proporzjon fil-każ ta' ċirkostanzi eċċezzjonali. F'dan il-każ, hija tispjega għalfejn ma hemmx proporzjon u liema miżuri ttieħdu bl-istess effett.***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*A ratio between the pay of directors and the pay of full time employees has nothing to do with shareholder rights and is not comparable between companies, nor is full time employees a fixed term in itself. Employees rights are protected by other legal instruments and employees have other ways of fighting for higher pay. The proposed ratio should therefore not be made mandatory this directive. A ratio between the pay of directors and the pay offull time employees has nothing to do with shareholders' rights and is not comparable between companies. Employees rights are protected by other legal instruments. The proposed ratio therefore has no value.*

**Emenda 336**
**António Marinho e Pinto**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 4**
Direttiva 2007/36/KE
Artikolu 9 a – paragrafu 3 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-politika tindika l-ammonti massimi ta' remunerazzjoni totali li jistgħu jingħataw, u l-proporzjon relattiv korrispondenti tal-komponenti differenti ta' remunerazzjoni fissa u varjabbli. Hija tispjega kif il-ħlas u l-kundizzjonijiet tal-impjieg tal-impjegati tal-kumpanija kienu ikkunsidrati meta ġew stabbiliti l-politika jew ir-remunerazzjoni tad-diretturi billi tispjega l-proporzjon bejn ir-remunerazzjoni medja tad-diretturi u r-remunerazzjoni medja tal-impjegati ***full-time tal-kumpanija minbarra d-diretturi***, u | Il-politika tindika l-ammonti massimi ta' remunerazzjoni totali li jistgħu jingħataw, u l-proporzjon relattiv korrispondenti tal-komponenti differenti ta' remunerazzjoni fissa u varjabbli. Hija tispjega kif il-ħlas u l-kundizzjonijiet tal-impjieg tal-impjegati tal-kumpanija kienu kkunsidrati meta ġew stabbiliti l-politika jew ir-remunerazzjoni tad-diretturi billi tispjega l-proporzjonijiet rispettivament ***kemm*** bejn ir-remunerazzjoni medja tad-diretturi ***eżekuttivi*** u r-remunerazzjoni medja tal- |

| | |
|---|---|
| għalfejn ***dan il-proporzjon*** jitqies xieraq. ***Il-politika tista' b'mod eċċezzjonali tkun mingħajr proporzjon fil-każ ta' ċirkostanzi eċċezzjonali. F'dan il-każ, hija tispjega għalfejn ma hemmx proporzjon u liema miżuri ttieħdu bl-istess effett.*** | impjegati ***kif ukoll bejn ir-remunerazzjoni medja tad-diretturi mhux eżekuttivi u r-remunerazzjoni medja tal-impjegati***, u għalfejn ***dawk il-proporzjonijiet*** jitqiesu xierqa. |

Or. pt

**Emenda 337**
**Pascal Durand**

**Proposta għal Direttiva**
**Artikolu 1 – punt 4**
Direttiva 2007/36/KE
Artikolu 9a – paragrafu 3 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-politika tindika l-ammonti massimi ta' remunerazzjoni totali li jistgħu jingħataw, u l-proporzjon relattiv korrispondenti tal-komponenti differenti ta' remunerazzjoni fissa u varjabbli. Hija tispjega kif il-ħlas u l-kundizzjonijiet tal-impjieg tal-impjegati tal-kumpanija kienu ***ikkunsidrati*** meta ġew stabbiliti l-politika jew ***ir-rimunerazzjoni*** tad-diretturi billi tispjega l-proporzjon bejn ***ir-rimunerazzjoni*** medja ***tad-diretturi*** u r-remunerazzjoni medja tal-impjegati ***full time tal-kumpanija minbarra d-diretturi,*** u għalfejn ***dan il-proporzjon jitqies xieraq. Il-politika tista' b'mod eċċezzjonali tkun mingħajr proporzjon fil-każ ta' ċirkostanzi eċċezzjonali. F'dan il-każ, hija tispjega għalfejn ma hemmx proporzjon u liema miżuri ttieħdu bl-istess effett***. | Il-politika tindika l-ammonti massimi ta' remunerazzjoni totali li jistgħu jingħataw, u l-proporzjon relattiv korrispondenti tal-komponenti differenti ta' remunerazzjoni fissa u varjabbli. Hija tispjega kif il-ħlas u l-kundizzjonijiet tal-impjieg tal-impjegati tal-kumpanija kienu ***kkunsidrati*** meta ġew stabbiliti l-politika jew ***ir-remunerazzjoni*** tad-diretturi billi tispjega l-proporzjon bejn ***ir-remunerazzjoni*** medja ***tad-diriġenti*** u r-remunerazzjoni medja tal-impjegati u għalfejn ***dawn il-proporzjonijiet jitqiesu xierqa.*** |

Or. fr

**Emenda 338**
**Jean-Marie Cavada**

**Proposta għal Direttiva**
**Artikolu 1 – punt 4**
Direttiva 2007/36/KE
Artikolu 9a – paragrafu 3 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-politika tindika ***l-ammonti massimi ta' remunerazzjoni totali li jistgħu jingħataw, u l-proporzjon relattiv korrispondenti*** tal-komponenti differenti ta' remunerazzjoni fissa u varjabbli. Hija tispjega kif il-ħlas u l-kundizzjonijiet tal-impjieg tal-impjegati tal-kumpanija kienu ***ikkunsidrati*** meta ***ġew stabbiliti l-politika jew ir-rimunerazzjoni*** tad-diretturi ***billi tispjega l-proporzjon bejn ir-rimunerazzjoni medja tad-diretturi u r-remunerazzjoni medja tal-impjegati full time tal-kumpanija minbarra d-diretturi, u għalfejn dan il-proporzjon jitqies xieraq. Il-politika tista' b'mod eċċezzjonali tkun mingħajr proporzjon fil-każ ta' ċirkostanzi eċċezzjonali. F'dan il-każ, hija tispjega għalfejn ma hemmx proporzjon u liema miżuri ttieħdu bl-istess effett***. | Il-politika tindika ***l-parti relattiva*** tal-komponenti differenti ta' remunerazzjoni fissa u varjabbli. Hija tispjega kif il-ħlas u l-kundizzjonijiet tal-impjieg tal-impjegati tal-kumpanija kienu ***kkunsidrati*** meta ***ġiet iddeterminata l-politika ta' remunerazzjoni*** tad-diretturi. |

Or. fr

**Emenda 339**
**József Szájer**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 4**
Direttiva 2007/36/KE
Artikolu 9a – paragrafu 3 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-politika tindika l-ammonti massimi ta' remunerazzjoni totali li jistgħu jingħataw, u l-proporzjon relattiv korrispondenti tal-komponenti differenti ta' remunerazzjoni fissa u varjabbli. ***Hija tispjega kif il-ħlas u l-kundizzjonijiet tal-impjieg tal-impjegati tal-kumpanija kienu ikkunsidrati meta ġew stabbiliti l-politika jew ir-*** | ***L-Istati Membri jistgħu jipprovdu li*** l-politika tindika l-ammonti massimi ta' remunerazzjoni totali li jistgħu jingħataw, u l-proporzjon relattiv korrispondenti tal-komponenti differenti ta' remunerazzjoni fissa u varjabbli. |

***rimunerazzjoni tad-diretturi billi tispjega l-proporzjon bejn ir-rimunerazzjoni medja tad-diretturi u r-remunerazzjoni medja tal-impjegati full time tal-kumpanija minbarra d-diretturi, u għalfejn dan il-proporzjon jitqies xieraq. Il-politika tista' b'mod eċċezzjonali tkun mingħajr proporzjon fil-każ ta' ċirkostanzi eċċezzjonali. F'dan il-każ, hija tispjega għalfejn ma hemmx proporzjon u liema miżuri ttieħdu bl-istess effett.***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*A ratio between the pay of directors and the pay of full time employees has nothing to do with shareholder rights and is not comparable between companies, nor is full time employees a fixed term in itself. Employees rights are protected by other legal instruments and employees have other ways of fighting for higher pay. The proposed ratio should therefore not be made mandatory this directive. A ratio between the pay of directors and the pay of full time employees has nothing to do with shareholders' rights and is not comparable between companies. Employees rights are protected by other legal instruments. The proposed ratio therefore has no value.*

**Emenda 340**
**József Szájer**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 4**
Direttiva 2007/36/KE
Artikolu 9a – paragrafu 3 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-politika tindika l-ammonti massimi ta' remunerazzjoni totali li jistgħu jingħataw, u l-proporzjon relattiv korrispondenti tal-komponenti differenti ta' remunerazzjoni fissa u varjabbli. ***Hija tispjega kif il-ħlas u l-kundizzjonijiet tal-impjieg tal-impjegati tal-kumpanija kienu ikkunsidrati meta ġew stabbiliti l-politika jew ir-rimunerazzjoni tad-diretturi billi tispjega l-proporzjon bejn ir-rimunerazzjoni medja*** | ***L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu li*** l-politika tindika l-ammonti massimi ta' remunerazzjoni totali li jistgħu jingħataw, u l-proporzjon relattiv korrispondenti tal-komponenti differenti ta' remunerazzjoni fissa u varjabbli ***mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 94 u d-dispożizzjonijiet relatati tad-Direttiva 2013/36/UE[*] dwar l-elementi varjabbli tar-remunerazzjoni. Hija tispjega kif il-ħlas u l-kundizzjonijiet*** |

***tad-diretturi u r-remunerazzjoni medja*** tal-impjegati ***full time*** tal-kumpanija ***minbarra d-diretturi, u għalfejn dan il-proporzjon jitqies xieraq. Il-politika tista' b'mod eċċezzjonali tkun mingħajr proporzjon fil-każ ta' ċirkostanzi eċċezzjonali. F'dan il-każ, hija tispjega għalfejn ma hemmx proporzjon u liema miżuri ttieħdu bl-istess effett***.

***tal-impjieg*** tal-impjegati tal-kumpanija ***kienu ikkunsidrati meta ġew stabbiliti l-politika jew ir-rimunerazzjoni tad-diretturi***.

________________

[*] ***Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investiment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi***

Or. en

**Emenda 341**
**Angelika Niebler, Axel Voss**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 4**
Direttiva 2007/36/KE
Artikolu 9 a – paragrafu 3 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| Il-politika tindika ***l-ammonti massimi ta' remunerazzjoni totali li jistgħu jingħataw, u*** l-proporzjon relattiv korrispondenti tal-komponenti differenti ta' remunerazzjoni fissa u varjabbli. Hija tispjega kif il-ħlas u l-kundizzjonijiet tal-impjieg tal-impjegati tal-kumpanija kienu ikkunsidrati meta ġew stabbiliti l-politika jew ir-remunerazzjoni tad-diretturi ***billi tispjega l-proporzjon bejn ir-remunerazzjoni medja tad-diretturi u r-remunerazzjoni medja tal-impjegati full time tal-kumpanija minbarra d-diretturi, u għalfejn dan il-proporzjon jitqies xieraq***. ***Il-politika tista' b'mod*** | Il-politika tindika l-proporzjon relattiv korrispondenti tal-komponenti differenti ta' remunerazzjoni fissa u varjabbli. Hija tispjega kif il-ħlas u l-kundizzjonijiet tal-impjieg tal-impjegati tal-kumpanija kienu kkunsidrati meta ġew stabbiliti l-politika jew ir-remunerazzjoni tad-diretturi. |

***eċċezzjonali tkun mingħajr proporzjon fil-każ ta' ċirkostanzi eċċezzjonali. F'dan il-każ, hija tispjega għalfejn ma hemmx proporzjon u liema miżuri ttieħdu bl-istess effett.***

Or. de

*Ġustifikazzjoni*

*Huwa diffiċli li tiġi stabbilita r-"remunerazzjoni medja", partikolarment fil-każ ta' kumpaniji internazzjonali li joperaw fuq bażi transkonfinali.*

**Emenda 342**
**Laura Ferrara**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 4**
Direttiva 2007/36/KE
Artikolu 9a – paragrafu 3 – subparagrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Għal remunerazzjoni varjabbli, il-politika tindika l-kriterji tal-prestazzjoni finanzjarja u mhux finanzjarja li għandhom jintużaw u tispjega kif dawn jikkontribwixxu għall-interessi u s-sostenibbiltà tal-kumpanija fit-tul, u l-metodi li għandhom jiġu applikati biex jiddeterminaw sa liema punt il-kriterji ta' prestazzjoni twettqu; hija tispeċifika l-perjodi ta' differiment, il-perjodi ta' akkwiżizzjoni għar-rimunerazzjoni bbażata fuq l-ishma wara l-akkwiżizzjoni, u l-informazzjoni dwar il-possibbiltà tal-kumpanija li terġa' tieħu lura r-remunerazzjoni varjabbli. | Għal remunerazzjoni varjabbli, il-politika tindika l-kriterji tal-prestazzjoni finanzjarja u mhux finanzjarja li għandhom jintużaw u tispjega kif dawn jikkontribwixxu għall-interessi u s-sostenibbiltà tal-kumpanija fit-tul, u l-metodi li għandhom jiġu applikati biex jiddeterminaw sa liema punt il-kriterji ta' prestazzjoni twettqu; hija tispeċifika l-perjodi ta' differiment, il-perjodi ta' akkwiżizzjoni għar-rimunerazzjoni bbażata fuq l-ishma wara l-akkwiżizzjoni, u l-informazzjoni dwar il-possibbiltà tal-kumpanija li terġa' tieħu lura r-remunerazzjoni varjabbli. ***Il-valur tal-ishma jikkontribwixxi b'mod mhux prevalenti għal dak tar-riżultati l-oħra kemm finanzjarji kif ukoll amministrattivi fuq il-kalkolu tar-remunerazzjoni varjabbli. L-Istati Membri jipprevedu li f'dan il-kalkolu jitqiesu wkoll programmi u riżultati li nkisbu fir-rigward tar-responsabbiltà soċjali tal-kumpaniji.*** |

Or. it

**Emenda 343**
**Bendt Bendtsen, Ulla Tørnæs**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 4**
Direttiva 2007/36/KE
Artikolu 9a – paragrafu 3 – subparagrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Għal remunerazzjoni varjabbli, il-politika ***tindika l-kriterji*** tal-prestazzjoni finanzjarja u mhux finanzjarja ***li għandhom jintużaw u tispjega kif dawn jikkontribwixxu għall-interessi u s-sostenibbiltà tal-kumpanija fit-tul,*** u l-metodi li għandhom jiġu applikati biex jiddeterminaw sa liema punt il-kriterji ta' prestazzjoni twettqu; hija ***tispeċifika l-perjodi*** ta' differiment, il-perjodi ta' akkwiżizzjoni għar-rimunerazzjoni bbażata fuq l-ishma wara l-akkwiżizzjoni, u l-informazzjoni dwar il-possibbiltà tal-kumpanija li terġa' tieħu lura r-remunerazzjoni varjabbli. | Għal remunerazzjoni varjabbli, il-politika ***tinkludi linji gwida dwar l-użu tal-kriterji*** tal-prestazzjoni finanzjarja u mhux finanzjarja u l-metodi li għandhom jiġu applikati biex jiddeterminaw sa liema punt il-kriterji ta' prestazzjoni twettqu; hija ***tistabbilixxi linji gwida dwar l-użu tal-perjodi*** ta' differiment, il-perjodi ta' akkwiżizzjoni għar-rimunerazzjoni bbażata fuq l-ishma wara l-akkwiżizzjoni, u l-informazzjoni dwar il-possibbiltà tal-kumpanija li terġa' tieħu lura r-remunerazzjoni varjabbli. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-politika għandha tipprovdi biżżejjed informazzjoni, iżda m'għandhiex titlob li l-kumpaniji jiżvelaw informazzjoni kummerċjali sensittiva lill-pubbliku (azzjonisti)*

**Emenda 344**
**József Szájer**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 4**
Direttiva 2007/36/KE
Artikolu 9a – paragrafu 3 – subparagrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| Għal remunerazzjoni varjabbli, il-politika ***tindika l-kriterji*** tal-prestazzjoni finanzjarja u mhux finanzjarja ***li għandhom jintużaw u tispjega kif dawn jikkontribwixxu għall-interessi u s-sostenibbiltà tal-kumpanija fit-tul,*** u l-metodi li għandhom jiġu applikati biex jiddeterminaw sa liema punt il-kriterji ta' prestazzjoni twettqu; hija ***tispeċifika l-perjodi*** ta' differiment, il-perjodi ta' akkwiżizzjoni għar-rimunerazzjoni bbażata fuq l-ishma wara l-akkwiżizzjoni, u l-informazzjoni dwar il-possibbiltà tal-kumpanija li terġa' tieħu lura r-remunerazzjoni varjabbli. | Għal remunerazzjoni varjabbli, il-politika ***tinkludi linji gwida dwar l-użu tal-kriterji*** tal-prestazzjoni finanzjarja u mhux finanzjarja u l-metodi li għandhom jiġu applikati biex jiddeterminaw sa liema punt il-kriterji ta' prestazzjoni twettqu; hija ***tistabbilixxi linji gwida dwar l-użu tal-perjodi*** ta' differiment, il-perjodi ta' akkwiżizzjoni għar-rimunerazzjoni bbażata fuq l-ishma wara l-akkwiżizzjoni, u l-informazzjoni dwar il-possibbiltà tal-kumpanija li terġa' tieħu lura r-remunerazzjoni varjabbli. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-politika għandha tipprovdi biżżejjed informazzjoni, iżda m'għandhiex titlob li l-kumpaniji jiżvelaw informazzjoni kummerċjali sensittiva lill-pubbliku (azzjonisti)*

**Emenda 345**
**Morten Messerschmidt, Andrzej Duda, Angel Dzhambazki**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 4**
Direttiva 2007/36/KE
Artikolu 9a – paragrafu 3 – subparagrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| Għal remunerazzjoni varjabbli, il-politika ***tindika l-kriterji*** tal-prestazzjoni finanzjarja u mhux finanzjarja ***li għandhom jintużaw u tispjega kif dawn jikkontribwixxu għall-interessi u s-sostenibbiltà tal-kumpanija fit-tul***, u l-metodi li għandhom jiġu applikati biex jiddeterminaw sa liema punt il-kriterji ta' prestazzjoni twettqu; hija ***tispeċifika l-*** | Għal remunerazzjoni varjabbli, il-politika ***tinkludi linji gwida dwar l-użu tal-kriterji*** tal-prestazzjoni finanzjarja u mhux finanzjarja u l-metodi li għandhom jiġu applikati biex jiddeterminaw sa liema punt il-kriterji ta' prestazzjoni twettqu; hija ***tistabbilixxi linji gwida dwar l-użu tal-perjodi*** ta' differiment, il-perjodi ta' akkwiżizzjoni għar-rimunerazzjoni bbażata |

| | |
|---|---|
| ***perjodi*** ta' differiment, il-perjodi ta' akkwiżizzjoni għar-rimunerazzjoni bbażata fuq l-ishma wara l-akkwiżizzjoni, u ***l-informazzjoni dwar il-possibbiltà tal-kumpanija li terġa' tieħu lura r-remunerazzjoni*** varjabbli. | fuq l-ishma wara l-akkwiżizzjoni, u ***tipprovdi informazzjoni dwar il-politika ta' teħid lura tar-remunerazzjoni*** varjabbli. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-istabbiliment ta' ammont massimu totali ta' ħlas huwa element ta' dettall li m'għandux ikun obbligatorju peress li jista' jkollu konsegwenzi ħżiena għall-kumpanija (l-iżvelar tal-pożizzjoni ta' negozjar tal-kumpanija jista' potenzjalment iżid il-ħlas minflok inaqqsu u l-istabbiliment ta' limitu mhux flessibbli jista' potenzjalment inaqqas il-possibbiltà li jiġu attirati l-aħjar kandidati għall-kumpanija). L-istabbiliment ta' ammont massimu għal kull komponent individwali ta' ħlas jista' jkompli jżid ir-riskju ta' konsegwenzi ħżiena.*

**Emenda 346**
**Pascal Durand**

**Proposta għal Direttiva**
**Artikolu 1 – punt 4**
Direttiva 2007/36/KE
Artikolu 9a – paragrafu 3 – subparagrafu 3a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***L-Istati Membri jiżguraw li l-valur tal-ishma la jkun l-uniku element u lanqas komponenti deċiżivi mill-kriterji tal-prestazzjoni finanzjarja. L-Istati Membri jiżguraw li r-remunerazzjoni bbażata fuq l-ishma ma tirrappreżentax l-iżjed parti sostantiva mir-remunerazzjoni varjabbli tad-diriġenti.*** |

Or. fr

**Emenda 347**
**Virginie Rozière**

**Proposta għal Direttiva**
**Artikolu 1 – punt 4**

Direttiva 2007/36/KE
Artikolu 9a – paragrafu 3 – subparagrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-politika tindika ***t-termini*** ewlenin ***tal-kuntratti*** tad-diretturi, inkluż id-durata ***tagħhom*** u l-perjodi ta' notifika applikabbli u l-pagamenti marbuta ma' ***tmiem il-kuntratti***. | Il-politika tindika ***l-modi*** ewlenin ***tal-ħatra, it-twettiq tal-funzjonijiet u tkeċċija*** tad-diretturi, inkluż id-durata u l-perjodi ta' notifika applikabbli u l-pagamenti marbuta ma' ***revoka tal-funzjonijiet***. |

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*F'xi Stati Membri, id-diretturi mhumiex marbutin mal-kumpanija b'kuntratti. Il-formola għalhekk għandha tiġi adattata.*

**Emenda 348**
**Bendt Bendtsen, Ulla Tørnæs**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 4**
Direttiva 2007/36/KE
Artikolu 9a – paragrafu 3 – subparagrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-politika ***tindika t-termini ewlenin*** tal-kuntratti ***tad-diretturi***, ***inkluż id-durata tagħhom u l-perjodi*** ta' notifika applikabbli u l-pagamenti marbuta ma' tmiem il-kuntratti. | Il-politika ***tagħti linji gwida dwar id-dewmien*** tal-kuntratti ***mad-diretturi***, ***il-perjodi*** ta' notifika applikabbli u l-pagamenti marbuta ma' tmiem il-kuntratti. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-politika għandha tipprovdi biżżejjed informazzjoni, iżda m'għandhiex titlob li l-kumpaniji jiżvelaw informazzjoni privata jew kummerċjali sensittiva lill-pubbliku (azzjonisti)*

**Emenda 349**
**József Szájer**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 4**
Direttiva 2007/36/KE
Artikolu 9a – paragrafu 3 – subparagrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-politika ***tindika t-termini ewlenin*** tal-kuntratti ***tad-diretturi***, ***inkluż id-durata tagħhom u l-perjodi*** ta' notifika applikabbli u l-pagamenti marbuta ma' tmiem il-kuntratti. | Il-politika ***tagħti linji gwida dwar id-dewmien*** tal-kuntratti ***mad-diretturi***, ***il-perjodi*** ta' notifika applikabbli u l-pagamenti marbuta ma' tmiem il-kuntratti. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-politika għandha tipprovdi biżżejjed informazzjoni, iżda m'għandhiex titlob li l-kumpaniji jiżvelaw informazzjoni privata jew kummerċjali sensittiva lill-pubbliku (azzjonisti), u għandu jitqies ukoll id-dritt tal-individwi għal protezzjoni tad-dejta personali.*

**Emenda 350**
**Jean-Marie Cavada**

**Proposta għal Direttiva**
**Artikolu 1 – punt 4**
Direttiva 2007/36/KE
Artikolu 9a – paragrafu 3 – subparagrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-politika tindika ***t-termini*** ewlenin ***tal-kuntratti*** tad-diretturi, inkluż id-durata tagħhom u l-perjodi ta' notifika applikabbli u l-pagamenti marbuta ma' tmiem ***il-kuntratti***. | Il-politika tindika ***l-kundizzjonijiet*** ewlenin ***tax-xogħol*** tad-diretturi, inkluż***, jekk ikun il-każ,*** id-durata tagħhom u l-perjodi ta' notifika applikabbli u l-pagamenti marbuta ma' tmiem ***il-funzjonijiet tagħhom***. |

Or. fr

**Emenda 351**
**Sergio Gaetano Cofferati**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 4**
Direttiva 2007/36/KE
Artikolu 9 a – paragrafu 3 – subparagrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-politika tindika t-termini ewlenin tal-kuntratti tad-diretturi, inkluż id-durata tagħhom u l-perjodi ta' notifika applikabbli u l-pagamenti marbuta ma' tmiem il-kuntratti. | Il-politika tindika t-termini ewlenin tal-kuntratti tad-diretturi, inkluż id-durata tagħhom u l-perjodi ta' notifika applikabbli u l-pagamenti marbuta ma' tmiem il-kuntratti ***u l-karatteristiċi tal-pensjoni supplimentari jew skemi ta' rtirar bikri***. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Kjarifika li ġejja mir-Rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar ir-remunerazzjoni ta' diretturi ta' kumpaniji elenkati.*

**Emenda 352**
**Morten Messerschmidt, Andrzej Duda, Angel Dzhambazki**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4**
Direttiva 2007/36/KE
Artikolu 9a – paragrafu 3 – subparagrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-politika ***tindika t-termini ewlenin*** tal-kuntratti ***tad-diretturi***, ***inkluż id-durata tagħhom u l-perjodi*** ta' notifika applikabbli u l-pagamenti marbuta ma' tmiem il-kuntratti. | Il-politika ***tagħti linji gwida dwar id-dewmien*** tal-kuntratti ***mad-diretturi***, ***il-perjodi*** ta' notifika applikabbli u l-pagamenti marbuta ma' tmiem il-kuntratti. |

Or. en

**Emenda 353**
**Angelika Niebler, Axel Voss**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 4**
Direttiva 2007/36/KE
Artikolu 9 a – paragrafu 3 – subparagrafu 5

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Il-politika tispjega l-proċess ta' teħid tad-deċiżjonijiet li jwassal għad-determinazzjoni tagħha. Fil-każ ta' reviżjoni tal-politika, hija tinkludi spjegazzjoni tal-bidliet sinifikanti kollha u kif din tieħu in kunsiderazzjoni l-fehmiet tal-azzjonisti dwar il-politika u r-rapport fis-snin preċedenti.*** | ***imħassar*** |

Or. de

*Ġustifikazzjoni*

*Burokrazija mhux ġustifikata.*

**Emenda 354**
**Bendt Bendtsen, Ulla Tørnæs**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 4**
Direttiva 2007/36/KE
Artikolu 9a – paragrafu 3 – subparagrafu 5

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-politika tispjega l-proċess ta' teħid tad-deċiżjonijiet li jwassal għad-determinazzjoni tagħha. Fil-każ ta' reviżjoni tal-politika, hija tinkludi spjegazzjoni tal-bidliet sinifikanti kollha ***u kif din tieħu in kunsiderazzjoni l-fehmiet tal-azzjonisti dwar il-politika u r-rapport fis-snin preċedenti***. | Il-politika tispjega l-proċess ta' teħid tad-deċiżjonijiet li jwassal għad-determinazzjoni tagħha. Fil-każ ta' reviżjoni tal-politika, hija tinkludi spjegazzjoni tal-bidliet sinifikanti kollha. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Piż żejjed għall-kumpaniji sabiex jiġġustifikaw li l-politika riveduta takkomoda l-opinjoni tal-azzjonisti. Jekk l-azzjonisti mhumiex totalment sodisfatti, dawn jistgħu jitolbu iktar tibdil.*

**Emenda 355**
**Emil Radev**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 4**
Direttiva 2007/36/KE
Artikolu 9 a – paragrafu 3 – subparagrafu 5

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-politika tispjega l-proċess ta' teħid tad-deċiżjonijiet li jwassal għad-determinazzjoni tagħha. Fil-każ ta' reviżjoni tal-politika, hija tinkludi spjegazzjoni tal-bidliet sinifikanti kollha u kif din tieħu ***in kunsiderazzjoni*** l-fehmiet tal-azzjonisti dwar il-politika u r-rapport ***fis-snin*** preċedenti. | Il-politika tispjega l-proċess ta' teħid tad-deċiżjonijiet li jwassal għad-determinazzjoni tagħha. Fil-każ ta' reviżjoni tal-politika, hija tinkludi spjegazzjoni tal-bidliet sinifikanti kollha u kif din tieħu ***inkonsiderazzjoni*** l-fehmiet tal-azzjonisti dwar il-politika u r-rapport ***tal-inqas fi tliet snin konsekuttivi*** preċedenti. |

Or. bg

**Emenda 356**
**József Szájer**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4**
Direttiva 2007/36/KE
Artikolu 9a – paragrafu 3 – subparagrafu 5

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-politika tispjega l-proċess ta' teħid tad-deċiżjonijiet li jwassal għad-determinazzjoni tagħha. Fil-każ ta' reviżjoni tal-politika, hija tinkludi spjegazzjoni tal-bidliet sinifikanti kollha ***u kif din tieħu in kunsiderazzjoni l-fehmiet tal-azzjonisti dwar il-politika u r-rapport*** | Il-politika tispjega l-proċess ta' teħid tad-deċiżjonijiet li jwassal għad-determinazzjoni tagħha. Fil-każ ta' reviżjoni tal-politika, hija tinkludi spjegazzjoni tal-bidliet sinifikanti kollha. |

***fis-snin preċedenti***.

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Piż żejjed għall-kumpaniji sabiex jiġġustifikaw li l-politika riveduta takkomoda l-opinjoni tal-azzjonisti. Jekk l-azzjonisti mhumiex totalment sodisfatti, dawn jistgħu jitolbu iktar tibdil.*

**Emenda 357**
**Therese Comodini Cachia**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 4**
Direttiva 2007/36/KE
Artikolu 9a – paragrafu 3 – subparagrafu 5

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-politika tispjega l-proċess ta' teħid tad-deċiżjonijiet li jwassal għad-determinazzjoni tagħha. Fil-każ ta' reviżjoni tal-politika, hija tinkludi spjegazzjoni tal-bidliet sinifikanti kollha ***u kif din tieħu in kunsiderazzjoni l-fehmiet tal-azzjonisti dwar il-politika u r-rapport fis-snin preċedenti***. | Il-politika tispjega l-proċess ta' teħid tad-deċiżjonijiet li jwassal għad-determinazzjoni tagħha. Fil-każ ta' reviżjoni tal-politika, hija tinkludi spjegazzjoni tal-bidliet sinifikanti kollha. |

Or. en

**Emenda 358**
**António Marinho e Pinto**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4**
Direttiva 2007/36/KE
Artikolu 9 a – paragrafu 3 – subparagrafu 5 a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***L-impjegati għandhom ikunu intitolati, permezz tar-rappreżentanti tagħhom, li jesprimu opinjoni dwar il-politika ta'*** |

| | |
|---|---|
| | ***remunerazzjoni qabel ma tiġi ppreżentata lill-azzjonisti.*** |

Or. pt

**Emenda 359**
**Giovanni Toti**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 4**
Direttiva 2007/36/KE
Artikolu 9a – paragrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. L-Istati Membri jiżguraw li wara li l-azzjonisti jkunu ***approvaw*** il-politika, din issir pubblika mingħajr dewmien u disponibbli fuq il-websajt tal-kumpanija għall-inqas sakemm tibqa' applikabbli. | 4. L-Istati Membri jiżguraw li wara li l-azzjonisti jkunu ***vvutaw dwar*** il-politika, din issir pubblika mingħajr dewmien u disponibbli fuq il-websajt tal-kumpanija għall-inqas sakemm tibqa' applikabbli. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-Istati Membri għandu jkollhom il-possibbiltà li jipprevedu wkoll vot ex ante mhux vinkolanti. Konsegwentement il-disponibbiltà għall-pubbliku tal-politika ta' remunerazzjoni ma tistax tiġi approvata mill-azzjonisti, iżda jittieħed vot dwarha mil-laqgħa ġenerali. L-emenda tiggarantixxi madankollu t-trasparenza tal-politika ta' remunerazzjoni, filwaqt li jżomm l-obbligu ta' disponibbiltà lill-pubbliku.*

**Emenda 360**
**Jean-Marie Cavada**

**Proposta għal Direttiva**
**Artikolu 1 – punt 4**
Direttiva 2007/36/KE
Artikolu 9a – paragrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. L-Istati Membri jiżguraw li wara ***li l-azzjonisti jkunu approvaw*** il-politika***, din*** | 4. L-Istati Membri jiżguraw li wara ***l-vot tal-azzjonisti,*** il-politika ***ssir*** pubblika |

| | |
|---|---|
| ***issir*** pubblika mingħajr dewmien u disponibbli fuq il-websajt tal-kumpanija għall-inqas sakemm tibqa' applikabbli. | mingħajr dewmien u disponibbli***, mingħajr ħlas,*** fuq il-websajt tal-kumpanija għall-inqas sakemm tibqa' applikabbli. |

Or. fr

**Emenda 361**
**Angelika Niebler, Axel Voss**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 4**
Direttiva 2007/36/KE
Artikolu 9 a – paragrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. L-Istati Membri jiżguraw li wara li l-azzjonisti jkunu ***approvaw*** il-politika, din issir pubblika mingħajr dewmien u disponibbli fuq il-websajt tal-kumpanija għall-inqas sakemm tibqa' applikabbli. | 4. L-Istati Membri jiżguraw li wara li l-azzjonisti jkunu ***ħadu vot konsultattiv jew vinkolanti*** dwar il-politika, din issir pubblika mingħajr dewmien u disponibbli fuq il-websajt tal-kumpanija għall-inqas sakemm tibqa' applikabbli. |

Or. de

*(F'konformità mal-Emenda għall-Artikolu 9a (1), l-ewwel subparagrafu)*

**Emenda 362**
**Heinz K. Becker**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 4**
Direttiva 2007/36/KE
Artikolu 9 a – paragrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. L-Istati Membri jiżguraw li wara ***li l-azzjonisti jkunu approvaw*** il-politika, din issir pubblika mingħajr dewmien u disponibbli fuq il-websajt tal-kumpanija għall-inqas sakemm tibqa' applikabbli. | 4. L-Istati Membri jiżguraw li wara ***l-vot imsemmi fil-paragrafu 1*** il-politika, din issir pubblika mingħajr dewmien u disponibbli fuq il-websajt tal-kumpanija għall-inqas sakemm tibqa' applikabbli. |

Or. de

**Emenda 363**
**Cecilia Wikström, Nils Torvalds, Ulla Tørnæs, Cora van Nieuwenhuizen**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 4**
Direttiva 2007/36/KE
Artikolu 9b

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| ***Artikolu 9b*** | ***imħassar*** |
| ***Informazzjoni li għandha tiġi pprovduta fir-rapport ta' remunerazzjoni u d-dritt għal-vot dwar ir-rapport ta' remunerazzjoni*** | |
| ***1. L-Istati Membri jiżguraw li l-kumpanija tfassal rapport ċar u li jiftiehem dwar ir-remunerazzjoni, li jipprovdi ħarsa ġenerali komprensiva tar-remunerazzjoni, inklużi l-benefiċċji kollha f'kull forma, li ngħataw lid-diretturi individwali, inklużi lil diretturi rreklutati ġodda u lil diretturi preċedenti, fl-aħħar sena finanzjarja. Fejn applikabbli, ir-rapport ikun fih l-elementi kollha li ġejjin:*** | |
| ***(a) ir-remunerazzjoni totali mogħtija jew imħallsa f'partijiet skont il-komponent, il-proporzjon relattiv tar-remunerazzjoni fissa u varjabbli, spjegazzjoni dwar kif ir-remunerazzjoni totali hija marbuta mal-prestazzjoni fit-tul u informazzjoni dwar kif il-kriterji ta' prestazzjoni ġew applikati;*** | |
| ***(b) il-bidla relattiva fir-remunerazzjoni tad-diretturi matul l-aħħar tliet snin finanzjarji, ir-relazzjoni tagħha fir-rigward tal-iżvilupp tal-valur tal-kumpanija u fir-rigward tal-bidla fir-remunerazzjoni medja tal-impjegati full time tal-kumpanija minbarra d-diretturi;*** | |
| ***(c) kull remunerazzjoni li jirċievu d-diretturi tal-kumpanija minn kull impriża*** | |

***li tappartjeni għall-istess grupp;***

***(d) l-għadd ta' ishma u l-għażliet ta' ishma mogħtija jew offruti, u l-kundizzjonijiet ewlenin għall-eżerċizzju tad-drittijiet inklużi l-prezz u d-data tal-eżerċizzju u kwalunkwe bidla li ssir fihom;***

***(e) informazzjoni dwar l-użu tal-possibbiltà li r-remunerazzjoni varjabbli tintalab lura;***

***(f) informazzjoni dwar kif ir-remunerazzjoni tad-diretturi ġiet stabbilita, inkluż ir-rwol tal-kumitat ta' remunerazzjoni.***

***2. L-Istati Membri jiżguraw li meta d-dejta personali tad-direttur tiġi pproċessata, id-dritt għall-privatezza ta' persuni naturali jiġi protett skont id-Direttiva 95/46/KE.***

***3. L-Istati Membri jiżguraw li matul il-laqgħa ġenerali annwali, l-azzjonisti jkollhom id-dritt jivvutaw dwar ir-rapport ta' remunerazzjoni tal-aħħar sena finanzjarja. Meta l-azzjonisti jivvutaw kontra r-rapport ta' remunerazzjoni, il-kumpanija tispjega fir-rapport ta' remunerazzjoni li jmiss jekk il-vot tal-azzjonisti jkunx ġie kkunsidrat u, jekk iva, kif.***

***4. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tispeċifika l-preżentazzjoni standardizzata tal-informazzjoni stabbilita fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 14a(2).***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Id-dispożizzjoni li tinsab fil-proposta tal-Kummissjoni għall-Artikolu 9b hija ddettaljata wisq. Din se żżid piżijiet amministrattivi kbar fuq kumpaniji b'benefiċċju minimu għas-soċjetà, is-*

*swieq jew l-azzjonisti. Id-Direttiva eżistenti diġà tagħti (fl-Artikolu 6) l-possibilità lill-azzjonisti minuri li jqiegħdu punti fuq l-aġenda tal-laqgħa ġenerali u din għandha tkun salvagwardja suffiċjenti.*

**Emenda 364**
**Bendt Bendtsen, Ulla Tørnæs**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 4**
Direttiva 2007/36/KE
Artikolu 9b – paragrafu 1 – parti introduttorja

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri jiżguraw li l-kumpanija tfassal rapport ċar u li jiftiehem dwar ir-remunerazzjoni, li jipprovdi ħarsa ġenerali komprensiva tar-remunerazzjoni, inklużi l-benefiċċji kollha f'kull forma, li ngħataw lid-diretturi individwali***, inklużi lil diretturi rreklutati ġodda u lil diretturi preċedenti,*** fl-aħħar sena finanzjarja. Fejn applikabbli, ir-rapport ikun fih l-elementi kollha li ġejjin: | 1. L-Istati Membri jiżguraw li l-kumpanija tfassal rapport ċar u li jiftiehem dwar ir-remunerazzjoni, li jipprovdi ħarsa ġenerali komprensiva tar-remunerazzjoni, inklużi l-benefiċċji kollha f'kull forma, li ngħataw lid-diretturi ***kemm fuq livell*** individwali ***għal kull direttur jew fuq livell aggregat għal kull tip ta' bord*** fl-aħħar sena finanzjarja. Fejn applikabbli, ir-rapport ikun fih l-elementi kollha li ġejjin: |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-iżvelar ta' salarju individwali jista' jitqies ksur tad-dritt għall-privatezza. It-tieni nett, l-iżvelar ta' salarju individwali jista' jwassal għal effett mhux intenzjonat ta' ġirja lejn l-iktar livell għoli, peress li l-kandidati għal diretturi eżekuttivi jkunu jistgħu jaraw eżattament x'ikun ħa jirċievi l-predeċessur. Madankollu, l-iżvelar fuq livell aggregat jipprovdi l-grad ta' trasparenza neċessarju sabiex l-azzjonisti jingħataw l-għarfien sabiex jirreaġixxu, jekk jaraw li jkun neċessarju, mingħajr ma jirriskjaw il-konsegwenza ħżiena possibbli ta' żverlar individwali.*

**Emenda 365**
**Jean-Marie Cavada**

**Proposta għal Direttiva**
**Artikolu 1 – punt 4**
Direttiva 2007/36/KE
Artikolu 9b – paragrafu 1 – kliem introduttorju

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri jiżguraw li l-kumpanija tfassal rapport ċar u li jiftiehem dwar ir-remunerazzjoni, li jipprovdi ħarsa ġenerali komprensiva tar-remunerazzjoni, inklużi l-benefiċċji kollha f'kull forma, li ngħataw lid-diretturi individwali, inklużi lil diretturi rreklutati ġodda u lil diretturi preċedenti, fl-aħħar sena finanzjarja. Fejn applikabbli, ir-rapport ikun fih l-elementi kollha li ġejjin: | 1. L-Istati Membri jiżguraw li l-kumpanija tfassal rapport ċar u li jiftiehem dwar ir-remunerazzjoni, li jipprovdi ħarsa ġenerali komprensiva tar-remunerazzjoni, inklużi l-benefiċċji kollha f'kull forma, li ngħataw, ***skont il-politika ta' remunerazzjoni msemmija fl-Artikolu 9a,*** lid-diretturi individwali, inklużi lil diretturi rreklutati ġodda u lil diretturi preċedenti, fl-aħħar sena finanzjarja. Fejn applikabbli, ir-rapport ikun fih l-elementi kollha li ġejjin: |

Or. fr

**Emenda 366**
**József Szájer**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 4**
Direttiva 2007/36/KE
Artikolu 9b – paragrafu 1 – parti introduttorja

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri jiżguraw li l-kumpanija tfassal rapport ċar u li jiftiehem dwar ir-remunerazzjoni, li jipprovdi ħarsa ġenerali komprensiva tar-remunerazzjoni, inklużi l-benefiċċji kollha f'kull forma, li ngħataw lid-diretturi ***individwali, inklużi lil diretturi rreklutati ġodda u lil diretturi preċedenti,*** fl-aħħar sena finanzjarja. Fejn applikabbli, ir-rapport ikun fih l-elementi kollha li ġejjin: | 1. L-Istati Membri jiżguraw li l-kumpanija tfassal rapport ċar u li jiftiehem dwar ir-remunerazzjoni, li jipprovdi ħarsa ġenerali komprensiva tar-remunerazzjoni, inklużi l-benefiċċji kollha f'kull forma, li ngħataw lid-diretturi ***skont il-liġi nazzjonali*** fl-aħħar sena finanzjarja. Fejn applikabbli, ir-rapport ikun fih l-elementi kollha li ġejjin: |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-iżvelar ta' salarju individwali jista' jitqies ksur tad-dritt għall-privatezza. It-tieni nett, l-iżvelar ta' salarju individwali jista' jwassal għal effett mhux intenzjonat ta' ġirja lejn l-iktar livell għoli, peress li l-kandidati għal diretturi eżekuttivi jkunu jistgħu jaraw eżattament*

*x'ikun ħa jirċievi l-predeċessur.*

**Emenda 367**
**Heinz K. Becker**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 4**
Direttiva 2007/36/KE
Artikolu 9 b – paragrafu 1 – kliem introduttorju

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri jiżguraw li l-kumpanija tfassal rapport ċar u li jiftiehem dwar ir-remunerazzjoni, li jipprovdi ħarsa ġenerali komprensiva tar-remunerazzjoni, inklużi l-benefiċċji kollha f'kull forma, li ngħataw lid-diretturi ***individwali***, inklużi lil diretturi rreklutati ġodda u lil diretturi preċedenti, fl-aħħar sena finanzjarja. Fejn applikabbli, ir-rapport ikun fih l-elementi kollha li ġejjin: | 1. L-Istati Membri jiżguraw li l-kumpanija tfassal rapport ċar u li jiftiehem dwar ir-remunerazzjoni, li jipprovdi ħarsa ġenerali komprensiva tar-remunerazzjoni, inklużi l-benefiċċji kollha f'kull forma, li ngħataw lid-diretturi, inklużi lil diretturi rreklutati ġodda u lil diretturi preċedenti, fl-aħħar sena finanzjarja. Fejn applikabbli, ir-rapport ikun fih l-elementi kollha li ġejjin: |

Or. de

*Ġustifikazzjoni*

*Għal raġunijiet ta' protezzjoni tad-dejta, il-ħarsa ġenerali tal-politika ta' remunerazzjoni għad-diretturi għandha tkopri biss lid-diretturi bħala grupp, u mhux lid-diretturi individwali.*

**Emenda 368**
**Morten Messerschmidt, Andrzej Duda, Angel Dzhambazki**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 4**
Direttiva 2007/36/KE
Artikolu 9b – paragrafu 1 – parti introduttorja

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri jiżguraw li l-kumpanija tfassal rapport ċar u li jiftiehem dwar ir-remunerazzjoni, li jipprovdi ħarsa ġenerali komprensiva tar-remunerazzjoni, inklużi l- | 1. L-Istati Membri jiżguraw li l-kumpanija tfassal rapport ċar u li jiftiehem dwar ir-remunerazzjoni, li jipprovdi ħarsa ġenerali komprensiva tar-remunerazzjoni, inklużi l- |
**Artikolu 1 – punt 4**
Direttiva 2007/36/KE
Artikolu 9c – paragrafu 3a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. Ir-rekwiżiti fil-paragrafi 1, 2 u 3 ma għandhomx japplikaw għal tranżazzjonijiet annotati matul il-perkors normali tan-negozju jew konklużi fuq*** |

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***termini tas-suq jew fuq termini ekwivalenti għas-suq.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Ikun ta' piż kbir u sproporzjonat li jiġu koperti t-tranżazzjonijiet kollha, inklużi dawk annotati matul il-perkors normali tan-negozju jew konklużi fuq termini tas-suq jew fuq termini ekwivalenti għas-suq. Jekk l-obbligi jiġu applikati għall-operazzjonijiet normali tan-negozju tal-kumpaniji, dan se joħloq ukoll inċertezza fl-ippjanar tal-operazzjonijiet tan-negozju u jiftaħ il-possibbiltà għal malprassi.*

**Emenda 448**
**Therese Comodini Cachia**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4**
Direttiva 2007/36/KE
Artikolu 9c – paragrafu 3a (ġdid)

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***3a. Ir-rekwiżiti fil-paragrafi 1, 2 u 3 ma għandhomx japplikaw għal tranżazzjonijiet annotati matul il-perkors normali tan-negozju jew konklużi fuq termini tas-suq jew fuq termini ekwivalenti għas-suq.*** |

Or. en

**Emenda 449**
**Tadeusz Zwiefka**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4**
Direttiva 2007/36/KE
Artikolu 9c – paragrafu 3a (ġdid)

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***3a. Ir-rekwiżiti fil-paragrafi 1u 2 ma*** |

***għandhomx japplikaw għal tranżazzjonijiet annotati matul il-perkors normali tan-negozju jew konklużi fuq termini tas-suq jew fuq termini ekwivalenti għas-suq.***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-Artikolu 9c hekk kif inhu propost se joħloq piż amministrattiv kbir u spejjeż kbar għall-kumpaniji, għaliex jista' jagħti lill-azzjonisti minoritarji iktar drittijiet għall-kontroll fuq it-tranżazzjonijiet ma' partijiet relatati. Għandu jkun hemm bilanċ tajjeb bejn ir-rekwiżiti għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-azzjonisti u l-piżijiet amministrattivi. Ir-regolazzjoni fuq it-tranżazzjonijiet ma' partijiet relatati għandha tirrefletti wkoll is-sitwazzjoni ekonomika lokali.*

**Emenda 450**
**Sirpa Pietikäinen**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 4**
Direttiva 2007/36/KE
Artikolu 9c – paragrafu 3a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. Ir-regoli tal-paragrafi 1, 2 u 3 ma jgħoddux għal tranżazzjonijiet waqt negozju ordinarju taħt kundizzjonijiet normali tas-suq.*** |

Or. en

**Emenda 451**
**Giovanni Toti**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 4**
Direttiva 2007/36/KE
Artikolu 9c – paragrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 4. L-Istati Membri jistgħu jeskludu t-tranżazzjonijiet li jkunu saru bejn il-kumpanija u membru wieħed jew aktar tal-grupp tagħha, mir-rekwiżiti fil-paragrafi 1, 2 u 3***, sakemm dawk il-membri tal-grupp jappartjenu totalment lill-kumpanija***. | 4. ***Il-paragrafi 1, 2 u 3 ma għandhomx japplikaw għal tranżazzjonijiet annotati matul il-perkors normali tan-negozju u konklużi fuq termini normali tas-suq jew fuq termini ekwivalenti għas-suq.*** |
| | L-Istati Membri jistgħu jeskludu t-tranżazzjonijiet li jkunu saru bejn il-kumpanija u membru wieħed jew aktar tal-grupp tagħha, mir-rekwiżiti fil-paragrafi 1, 2 u 3**.** |
| | ***L-Istati Membri jistgħu jeskludu wkoll tipi definiti biċ-ċar ta' tranżazzjonijiet li fir-rigward tagħhom il-liġi nazzjonali tipprevedi protezzjoni adegwata tal-azzjonisti minoritarji***. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-piżijiet amministrattivi u ta' informazzjoni deskritti ma għandhomx japplikaw għal tranżazzjonijiet normali konklużi f'termini tas-suq normali jew termini ekwivalenti għas-suq; tranżazzjonijiet li r-riskju ta' abbuż tagħhom minn partijiet relatati huwa minimu. L-emenda tippermetti lill-Istati Membri jidentifikaw kategorija ta' tranżazzjonijiet esklużi mill-qafas, f'konformità ma' dak diġà previst minn ċerti standards nazzjonali.*

**Emenda 452**
**Bendt Bendtsen, Ulla Tørnæs**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 4**
Direttiva 2007/36/KE
Artikolu 9c – paragrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 4. L-Istati Membri jistgħu jeskludu t-tranżazzjonijiet li jkunu saru bejn il-kumpanija u membru wieħed jew aktar tal-grupp tagħha, mir-rekwiżiti ***fil-paragrafi*** 1***, 2 u 3,*** sakemm dawk il-membri tal-grupp | 4. L-Istati Membri jistgħu jeskludu t-tranżazzjonijiet li jkunu saru bejn il-kumpanija u membru wieħed jew aktar tal-grupp tagħha, mir-rekwiżiti ***fil-paragrafu*** 1 sakemm dawk il-membri tal-grupp |

| | |
|---|---|
| jappartjenu totalment lill-kumpanija. | jappartjenu totalment lill-kumpanija. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Fuq il-bażi ta' emendi preċedenti – mistennija korrezzjoni finali*

**Emenda 453**
**József Szájer**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 4**
Direttiva 2007/36/KE
Artikolu 9c – paragrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. L-Istati Membri jistgħu jeskludu ***t-tranżazzjonijiet*** li jkunu saru bejn il-kumpanija ***u membru wieħed jew aktar tal-grupp tagħha, mir-rekwiżiti fil-paragrafi 1, 2 u 3, sakemm dawk il-membri tal-grupp jappartjenu totalment lill-kumpanija.*** | 4. L-Istati Membri jistgħu jeskludu ***mir-rekwiżiti fil-paragrafi 1, 1a u 2 it-tranżazzjonijiet*** li jkunu saru bejn il-kumpanija u ***s-sussidjarji tagħhom sakemm ikunu posseduti totalment jew l-ebda parti relatati oħra tal-kumpanija għandha interess fis-sussidjarju jew liġi nazzjonali tipprevedi protezzjoni adegwata tal-interessi tal-azzjonisti li mhumiex partijiet relatati, b'mod partikolari azzjonisti minoritarji f'tali tranżazzjonijiet;*** |

Or. en

**Emenda 454**
**Jean-Marie Cavada**

**Proposta għal Direttiva**
**Artikolu 1 – punt 4**
Direttiva 2007/36/KE
Artikolu 9c – paragrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. L-Istati Membri jistgħu jeskludu t-tranżazzjonijiet li jkunu saru bejn il-kumpanija u membru wieħed jew aktar tal-grupp tagħha, mir-rekwiżiti fil-paragrafi 1, 2 u 3, sakemm dawk il-membri tal-grupp jappartjenu totalment lill-kumpanija. | 4. L-Istati Membri jistgħu jeskludu t-tranżazzjonijiet li jkunu saru bejn il-kumpanija u membru wieħed jew aktar tal-grupp tagħha, mir-rekwiżiti fil-paragrafi 1, 2 u 3, sakemm dawk il-membri tal-grupp jappartjenu totalment lill-kumpanija. ***L-Istati Membri jistgħu jeskludu wkoll xi tipi ta' tranżazzjonijiet definiti b'mod ċar li għalihom il-liġi nazzjonli tiżgura protezzjoni xierqa tal-azzjonisti minoritarji.*** |

Or. fr

**Emenda 455**
**Cecilia Wikström, Nils Torvalds, Ulla Tørnæs, Cora van Nieuwenhuizen**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 4**
Direttiva 2007/36/KE
Artikolu 9c – paragrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. ***L-Istati Membri jistgħu jeskludu t-tranżazzjonijiet*** li jkunu saru bejn il-kumpanija u membru wieħed jew aktar tal-grupp tagħha, ***mir-rekwiżiti fil-paragrafi 1, 2 u 3,*** sakemm dawk il-membri tal-grupp jappartjenu totalment lill-kumpanija. | 4. ***Ir-rekwiżiti fil-paragrafi 1, 2 u 3 ma għandhomx japplikaw għat-tranżazzjonijiet*** li jkunu saru bil-kumpanija u membru wieħed jew aktar tal-grupp tagħha sakemm dawk il-membri ***jew impriżi konġunti*** tal-grupp jappartjenu totalment ***jew parzjalment*** lill-kumpanija. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-kliem oriġinali jkopri biss proporzjon limitat ħafna tat-tranżazzjonijiet normali ma' partijiet relatati bejn kumpaniji fl-istess grupp, jiġifieri l-esklużjoni tapplika biss għal tranżazzjonijiet bejn kumpanija u s-sussidjardji posseduti kollha (100 %) tagħha. Il-kliem oriġinali huwa problematiku wkoll għall-impriżi konġunti. Sabiex ikun utli, applikabbli u jnaqqas il-piżijiet amministrattivi mhux meħtieġa, dan għandu jkollu ċerta flessibbiltà sabiex ikunu jistgħu jiġu koperti t-tranżazzjonijiet ma' partijiet relatati l-aktar rilevanti.*

**Emenda 456**
**Sajjad Karim**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 4**
Direttiva 2007/36/KE
Artikolu 9c – paragrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. ***L-Istati Membri jistgħu jeskludu*** t-tranżazzjonijiet li jkunu saru bejn il-kumpanija u membru wieħed jew aktar tal-grupp tagħha, ***mir-rekwiżiti fil-paragrafi 1, 2 u 3,*** sakemm ***dawk il-membri tal-grupp jappartjenu totalment lill-kumpanija***. | 4. ***Permezz ta' deroga mill-paragrafu 1,*** it-tranżazzjonijiet li jkunu saru bejn il-kumpanija u membru wieħed jew aktar tal-grupp tagħha ***ma jikkostitwixxux tranżazzjonijiet ma' partijiet relatati għall-finijiet ta' dan l-Artikolu fejn it-tranżazzjonijiet ikunu:*** |
| | ***a) imwettqa fuq termini standard fil-perkors ordinarju tan-negozju;*** |
| | ***b) konklużi fuq termini tas-suq, sakemm il-korp amministrattiv jew superviżorju, mingħajr influwenza mill-parti relatata, ikun stabbilixxa x'jikkostitwixxi termini tas-suq fit-tip partikolari tal-każ; jew*** |
| | ***tranżazzjonijiet li jkunu saru bejn il-kumpanija u l-impriżi sussidjarji tagħha sakemm l-ebda parti relatata oħra tal-kumpanija ma jkollha interess fl-impriża sussidjarja jew sakemm il-liġi nazzjonali tipprevedi protezzjoni adegwata tal-interessi tal-azzjonisti minoritarji tal-kumpanija u tal-impriżi sussidjarji f'dawn it-tranżazzjonijiet;*** |
| | ***c) tipi ċari definiti ta' tranżazzjonijiet li mhumiex ta' żvantaġġ għall-azzjonisti minoritarji, bħall-ħruġ ta' ishma fuq bażi preventiva jew ħlas ta' dividendi,*** sakemm ***il-parti relatata tkun offerta jew mogħtija termini li mhumiex iktar favorevoli minn dawk offruti jew mogħtija lill-azzjonisti l-oħra.*** |
| | ***L-Istati Membri jistgħu jeskludu mir-rekwiżiti fil-paragrafi 1 u 2 tranżazzjonijiet li jkunu saru bejn il-*** |

| | |
|---|---|
| | ***kumpanija u kwalunkwe sussidjarju tagħha li ma jappartjenix totalment lilha jekk il-liġi nazzjonali tipprevedi protezzjoni adegwata tal-interessi tal-azzjonisti li mhumiex parti relatata*.** |

Or. en

**Emenda 457**
**Heinz K. Becker**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 4**
Direttiva 2007/36/KE
Artikolu 9 c – paragrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. ***L-Istati Membri jistgħu jeskludu*** t-tranżazzjonijiet li jkunu saru bejn il-kumpanija u ***membru wieħed jew aktar tal-grupp tagħha***, mir-rekwiżiti fil-paragrafi 1, 2 u 3, ***sakemm dawk il-membri tal-grupp jappartjenu totalment lill-kumpanija***. | 4. ***Ir-rekwiżiti tal-paragrafi 1, 2 u 3 m'għandhomx japplikaw għat-tranżazzjonijiet li ġejjin:*** |
| | ***(a) attivitajiet kummerċjali normali u tranżazzjonijiet ibbażati fuq il-kundizzjonijiet standard tas-suq;*** |
| | ***(b)*** tranżazzjonijiet li jkunu saru bejn il-kumpanija u ***s-sussidjarji tagħha jew bejn l-impriżi fl-istess grupp, sakemm il-liġi nazzjonali tkun ipprovdiet protezzjoni adegwata għall-interessi tal-minoranza tal-azzjonisti ta' kumpanija sussidjarja.*** |
| | ***L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu eżenzjonijiet*** mir-rekwiżiti fil-paragrafi 1, 2 u 3, ***għal tipi ta' tranżazzjonijiet iddefiniti b'mod ċar li għalihom il-liġi nazzjonali tipprovdi protezzjoni adegwata tal-interessi tal-minoranza tal-azzjonisti ta' kumpanija sussidjarja.*** |

Or. de

**Emenda 458**
**Angelika Niebler, Axel Voss**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 4**
Direttiva 2007/36/KE
Artikolu 9 c – paragrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. L-Istati Membri jistgħu jeskludu t-tranżazzjonijiet li jkunu saru bejn il-kumpanija u membru wieħed jew aktar tal-grupp tagħha***, mir-rekwiżiti fil-paragrafi 1, 2 u 3, sakemm dawk il-membri*** tal-grupp ***jappartjenu totalment lill-kumpanija***. | 4. L-Istati Membri jistgħu jeskludu t-tranżazzjonijiet ***li ġejjin mir-rekwiżiti tal-paragrafi 1, 2 u 3:*** |
| | ***(a) tranżazzjonijiet imwettqa fil-kors ordinarju tal-kummerċ fuq it-termini tas-suq;*** |
| | ***(b)*** tranżazzjonijiet li jkunu saru bejn il-kumpanija u ***l-kumpaniji sussidjarji jew bil-kontra jew bejn*** membru wieħed jew aktar tal-grupp tagħha***, bil-kundizzjoni li ebda partijiet relatati oħrajn ma jkollhom interess sostanzjali fil-kumpanija sussidjarja jew fil-membru*** tal-grupp***, jew bil-kundizzjoni li l-liġi nazzjonali tipprovdi protezzjoni adegwata għall-azzjonisti tal-minoranza***. |

Or. de

*Ġustifikazzjoni*

*Il-proposta tal-Kummissjoni għall-Artikolu 9c ma tikkunsidrax il-fatt li l-maġġoranza tal-Istati Membri diġà għandhom mekkaniżmi li jaħdmu biex jipproteġu lill-azzjonisti ta' minoranza kontra l-abbuż, u li t-tranżazzjonijiet bejn il-kumpaniji prinċipali u sussidjarji partikolarment jistgħu jkunu okkorrenza ta' kuljum. It-tranżazzjonijiet kummerċjali ordinarji m'għandhomx għalhekk ikunu soġġetti għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 1, 2 u 3 tal-Artikolu 9c.*

**Emenda 459**
**Morten Messerschmidt, Andrzej Duda**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 4**
Direttiva 2007/36/KE
Artikolu 9c – paragrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. ***L-Istati Membri jistgħu jeskludu*** t-tranżazzjonijiet li jkunu saru bejn il-kumpanija u membru wieħed jew aktar ***tal-grupp*** tagħha, mir-rekwiżiti fil-paragrafi 1***, 2 u 3, sakemm dawk il-membri tal-grupp jappartjenu*** totalment ***lill-kumpanija***. | 4. ***Il-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw*** għat-tranżazzjonijiet***:*** |
| | ***a) imwettqa fuq termini standard fil-perkors ordinarju tan-negozju,*** |
| | ***b) konklużi fuq termini tas-suq, sakemm il-korp amministrattiv jew superviżorju, mingħajr influwenza mill-parti relatata, ikun stabbilixxa x'jikkostitwixxi termini tas-suq fit-tip partikolari tal-każ, jew*** |
| | ***c) tranżazzjonijiet*** li jkunu saru bejn il-kumpanija u membru wieħed jew aktar ***li jappartjenu totalment lill-grupp*** tagħha. |
| | ***L-Istati Membri jistgħu jeskludu mir-rekwiżiti fil-paragrafi 1 u 2 tranżazzjonijiet li jkunu saru bejn il-kumpanija u kwalunkwe sussidjarju tagħha li ma jappartjenix*** totalment ***lilha jekk il-liġi nazzjonali tipprevedi protezzjoni adegwata tal-interessi tal-azzjonisti li mhumiex parti relatata***. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*It-tranżazzjonijiet imwettqa fuq termini standard fil-perkors ordinarju tan-negozju, it-tranżazzjonijiet fuq termini tas-suq b'sussidjarji totalment posseduti ma joffru l-ebda riskju ta' abbuż u għalhekk ma għandhomx ikunu koperti mir-rekwiżiti fil-proposta. Bosta Stati Membri diġà għandhom qafas funzjonanti fir-rigward tat-tranżazzjonijiet intragrupp irrispettivament minn jekk l-entitajiet ikunux totalment posseduti jew le, eż. regoli jew liġi tal-grupp dwar prezzijiet tat-trasferiment tal-protezzjoni.*

**Emenda 460**
**Giovanni Toti**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 4**
Direttiva 2007/36/KE
Artikolu 9c – paragrafu 4a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. L-Istati Membri għandhom jeskludu mir-rekwiżiti fil-paragrafi 1 u 2:*** |
| | ***(a) tranżazzjonijiet intragrupp;*** |
| | ***(b) tipi definiti ċari ta' tranżazzjonijiet li għalihom il-liġi nazzjonali tipprevedi protezzjoni adegwata tal-azzjonisti minoritarji, sakemm il-parti relatata tkun soġġetta għal termini li mhumiex iktar favorevoli minn dawk li għalihom huma soġġetti azzjonisti oħra.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Din l-emenda qed issir biex ikun hemm konsistenza mal-bidliet issuġġeriti sabiex titjieb il-proposta tal-Kummissjoni dwar tranżazzjonijiet ma' parti relatata.*

**Emenda 461**
**Therese Comodini Cachia**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 4**
Direttiva 2007/36/KE
Artikolu 9c – paragrafu 4a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. Dan il-Kapitolu ma jagħmilx ħsara lid-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-leġiżlazzjoni settorjali li tirregola l-maniġers tal-assi u l-investituri istituzzjonali sa fejn ir-rekwiżiti previsti f'dan il-Kapitolu jidduplikaw jew jikkontradixxu r-rekwiżiti stabbiliti fil-*** |

| | |
|---|---|
| | ***leġiżlazzjoni settorjali. Id-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni settorjali għandhom jitqiesu bħala lex specialis fir-rigward ta' dan il-Kapitolu.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Ir-regoli ġodda għall-maniġers tal-assi u l-investituri istituzzjonali proposti fil-Kapitolu 1B jinterferixxu mar-rekwiżiti li għalihom huma diġà soġġetti l-maniġers tal-assi u l-investituri istituzzjonali fl-AIFMD, id-Direttiva UCITS u MIFID, id-Direttiva 2009/138/KE, id-Direttiva 2003/41/KE. Ir-regoli proposti jinterferixxu mad-Direttiva 2013/36/UE dwar l-istituzzjonijiet ta' kreditu wkoll.*

**Emenda 462**
**Bendt Bendtsen, Ulla Tørnæs**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 4**
Direttiva 2007/36/KE
Artikolu 9c – paragrafu 4a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-paragrafu 1 ma japplikax għal tranżazzjonijiet li jkunu saru fil-perkors ordinarju tan-negozju fuq termini tas-suq u tranżazzjonijiet bejn il-kumpanija u s-sussidjarji tagħha fejn il-liġi nazzjonali tipprevedi protezzjoni adegwata tal-interessi tal-azzjonisti minoritarji.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Dawn it-tranżazzjonijiet għandhom jiġu esklużi bħala minimu, għaliex dawn jiffurmaw parti vitali mill-mudell kummerċjali bażiku ta' bosta kumpaniji.*

**Emenda 463**
**József Szájer**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 4**
Direttiva 2007/36/KE
Artikolu 9c – paragrafu 4a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-interessi tal-azzjonisti tal-kumpanija li mhumiex partijiet relatati, b'mod partikolari azzjonisti minoritarji, ikunu protetti adegwatament fil-każ ta' tranżazzjonijiet konklużi bejn il-parti relatata tal-kumpanija u s-sussidjarji ta' dik il-kumpanija.*** |

Or. en

**Emenda 464**
**Angelika Niebler, Axel Voss**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 4**
Direttiva 2007/36/KE
Artikolu 4 c – paragrafu 4 a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. L-Istati Membri jistgħu jipprevedu li l-paragrafi 1 sa 4 tal-Artikolu 9c ma japplikawx meta d-dispożizzjonijiet legali eżistenti tal-Istat Membru jipprovdu protezzjoni adegwata lill-azzjonisti ta' minoranza permezz ta' mezzi oħrajn.*** |

Or. de

*Ġustifikazzjoni*

*Ir-regoli stipulati fl-Artikolu 9c huma maħsuba biex jipprevjenu lill-kumpaniji milli jitilfu assi korporattivi sinifikanti bi ħsara għall-azzjonisti (ta' minoranza) mingħajr il-kunsens tagħhom. F'xi Stati Membri, il-liġi tal-kumpaniji eżistenti diġà tipprevedi regolamenti adegwati u xierqa għall-kunflitti possibbli relatati mat-tranżazzjonijiet interni.*

**Emenda 465**
**Heidi Hautala**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 4**
Direttiva 2007/36/KE
Artikolu 9c – paragrafu 4a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. L-Istati Membri jistgħu, skont il-kundizzjonijiet u l-prattiki nazzjonali, jiddeċiedu li r-rekwiżiti fil-paragrafi 1, 2 u 3 ma japplikawx għal tranżazzjonijiet li jkunu saru matul il-perkors normali tan-negozju jew konklużi fuq termini tas-suq jew fuq termini ekwivalenti għas-suq.*** |

Or. en

**Emenda 466**
**Virginie Rozière**

**Proposta għal Direttiva**
**Artikolu 1 – punt 4**
Direttiva 2007/36/KE
Artikolu 9c – paragrafu 4a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. L-Istati Membri jinkoraġġixxu lill-kumpaniji jadottaw karti interni dwar l-approvazzjoni mill-azzjonisti tat-tranżazzjonijiet mal-partijiet relatati.*** |

Or. fr

**Emenda 467**
**Jean-Marie Cavada**

**Proposta għal Direttiva**
**Artikolu 1 – punt 4**

Direttiva 2007/36/KE
Artikolu 9c – paragrafu 4a (ġdid)

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***4a. Għar-rekwiżiti ta' dan l-Artikolu, it-tranżazzjonijiet sinifikanti huma definiti mill-Istati Membri billi jqisu:*** |
| | ***a) it-tip tat-tranżazzjoni u l-pożizzjoni tal-parti relatata; jew*** |
| | ***b) l-impatt tat-tranżazzjoni fuq ir-riżultati, l-assi, il-kapital jew il-fatturat tal-kumpanija; jew*** |
| | ***c) ir-riskji li toħloq it-tranżazzjoni għall-kumpanija u għall-azzjonisti tagħha.*** |

Or. fr

**Emenda 468**
**Giovanni Toti**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 4**
Direttiva 2007/36/KE
Artikolu 9c – paragrafu 4b (ġdid)

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***4b. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, it-tranżazzjonijiet materjali għandhom ikunu definiti mill-Istati Membri filwaqt li jitqiesu:*** |
| | ***a) l-effett li l-informazzjoni dwar it-tranżazzjoni jista' jkollha fuq id-deċiżjonijiet tas-soġġetti involuti fil-proċess ta' approvazzjoni;*** |
| | ***b) ir-riskji li t-tranżazzjonijiet joħolqu għall-kumpanija u l-azzjonisti minoritarji tagħha.*** |
| | ***Meta jiddefinixxu t-tranżazzjonijiet materjali, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu proporzjon kwantitattiv wieħed jew aktar ibbażati fuq l-impatt tat-*** |

***tranżazzjoni fuq id-dħul, l-assi, il-kapitalizzazzjoni jew il-fatturat tal-kumpanija jew iqisu n-natura tat-tranżazzjoni u l-pożizzjoni tal-parti relatata. L-Istati Membri jistgħu jadottaw definizzjonijiet tal-materjalità tal-proporzjonijiet kwantitattivi għall-applikazzjoni tal-paragrafi 1 u 1a differenti minn dawk għall-applikazzjoni tal-paragrafu 2 u jistgħu jiddifferenzjaw id-definizzjonijiet tal-proporzjon skont id-daqs tal-kumpanija.***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-emenda biħsiebha tagħmel iktar flessibbli d-definizzjoni tal-limiti massimi tal-materjalità tat-tranżazzjonijiet ma' partijiet relatati rilevanti għall-attivazzjoni tal-obbligi ta' trasparenza u tal-proċedura ta' approvazzjoni, filwaqt li tali definizzjoni tingħata f'idejn l-Istati Membri skont il-liġijiet nazzjonali fis-seħħ.*

**Emenda 469**
**József Szájer**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 4**
Direttiva 2007/36/KE
Artikolu 9c – paragrafu 4b (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***4b. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, it-tranżazzjonijiet materjali ma' partijiet relatati għandhom ikunu definiti mill-Istati Membri filwaqt li jitqiesu:*** |
| | ***(a) l-effett li l-informazzjoni dwar it-tranżazzjoni jista' jkollha fuq id-deċiżjonijiet ekonomiċi tal-azzjonisti tal-kumpanija;*** |
| | ***(b) ir-riskji li t-tranżazzjonijiet joħolqu għall-kumpanija u l-azzjonisti minoritarji tagħha.*** |
| | ***Meta jiddefinixxu t-tranżazzjonijiet*** |

***materjali, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu proporzjon kwantitattiv wieħed jew aktar ibbażati fuq l-impatt tat-tranżazzjoni fuq id-dħul, l-assi, il-kapitalizzazzjoni jew il-fatturat tal-kumpanija jew iqisu n-natura tat-tranżazzjoni u l-pożizzjoni tal-parti relatata.***

***L-Istati Membri jistgħu jadottaw definizzjonijiet tal-materjalità għall-applikazzjoni tal-paragrafi 1 u 1a li huma differenti minn dawk għall-applikazzjoni tal-paragrafu 2 u jistgħu jiddifferenzjaw id-definizzjonijiet tal-proporzjon skont id-daqs tal-kumpanija.***

Or. en

**Emenda 470**
**Angelika Niebler, Axel Voss**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 4**
Direttiva 2007/36/KE
Artikolu 4 c – paragrafu 4 b (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4b. Għall-iskopijiet ta' dan l-Artikolu, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu definizzjoni ta' "tranżazzjonijiet sinifikanti ma' partijiet relatati" li għandha tinkludi:*** |
| | ***- livell limitu kwantitattiv wieħed jew aktar ibbażat fuq kriterji bħall-kapitalizzazzjoni tas-suq u l-assi jew il-fatturat u li jkun jista' jieħu kont tat-tip ta' tranżazzjoni mal-partijiet relatati.*** |
| | ***L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu livelli limiti differenti biex jiddeterminaw jekk it-tranżazzjonijiet humiex sinifikanti għall-iskopijiet tal-applikazzjoni tal-paragrafi 1, 2 u 3 u li jistgħu jiddifferenzjaw il-livelli limiti skont id-daqs tal-kumpanija. L-Istati Membri*** |

| | |
|---|---|
| | ***jistgħu jistipulaw ukoll kriterji oħrajn bħat-tip ta' tranżazzjoni jew pożizzjoni tal-parti relatata.*** |

Or. de

*Ġustifikazzjoni*

*Ħafna Stati Membri diġà għandhom sistema effettiva biex jipproteġu kontra l-abbuż. L-Istati Membri għalhekk għandhom jingħataw biżżejjed flessibilità biex jadattaw il-ħtieġa għal regolamentazzjoni ulterjuri għas-sitwazzjoni speċifika tagħhom.*

**Emenda 471**
**József Szájer**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 4**
Direttiva 2007/36/KE
Artikolu 9c – paragrafu 4c (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4c. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li tranżazzjonijiet mal-istess parti relatata, li ġew konklużi fi kwalunkwe perjodu ta' 12-il xahar jew fl-istess sena finanzjarja u li ma kienux soġġetti għall-obbligi elenkati fil-paragrafi 1, 1a jew 2 jiġu aggregati għall-iskopijiet ta' dawk il-paragrafi.*** |

Or. en

**Emenda 472**
**József Szájer**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 4**
Direttiva 2007/36/KE
Artikolu 9c – paragrafu 4d (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4d. Dan l-Artikolu huwa mingħajr preġudizzju għar-regoli dwar l-iżvelar pubbliku ta' informazzjoni privileġġata stabbiliti fl-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) Nru 596/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.**** |
| | ___________________ |
| | **** Regolament (UE) Nru 596/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar l-abbuż tas-suq (Regolament dwar l-abbuż tas-suq) u li jħassar id-Direttiva 2003/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttivi tal-Kummissjoni 2003/124/KE, 2003/125/KE u 2004/72/KE ĠU L 173, 12.6.2014, p. 1.*** |

Or. en

**Emenda 473**
**Pascal Durand**

**Proposta għal Direttiva**
**Artikolu 1 – punt 5**
Direttiva 2007/36/KE
Kapitolu IIa (ġdid) – titolu

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| atti ***ta' implimentazzjoni*** u penali | Atti ***delegati*** u penali |

Or. fr

**Emenda 474**
**Cecilia Wikström, Nils Torvalds, Ulla Tørnæs**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5**
Direttiva 2007/36/KE
Kapitolu IIa – titolu

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Atti ta' implimentazzjoni u*** penali | Penali |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Tħassir sabiex jikkorrispondi mat-tħassir tal-atti ta' implimentazzjoni proposti kollha*

**Emenda 475**
**Cecilia Wikström, Nils Torvalds, Ulla Tørnæs**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 5**
Direttiva 2007/36/KE
Artikolu 14a

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Artikolu 14a*** | ***imħassar*** |
| ***Proċedura ta' Kumitat*** | |
| ***1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna mill-Kumitat Ewropew tat-Titoli stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/528/KE. Dan il-Kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.*** | |
| ***2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.*** | |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Tħassir sabiex jikkorrispondi mat-tħassir tal-atti ta' implimentazzjoni proposti kollha*

**Emenda 476**
**Pascal Durand**

**Proposta għal Direttiva**
**Artikolu 1 – punt 5**
Direttiva 2007/36/KE
Artikolu 14b

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri jistabbilixxu regoli dwar penali applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva, u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Il-penali pprovduti jridu jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. L-Istati Membri jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar dawn id-dispożizzjonijiet sa mhux aktar tard minn ***/***[id-data għat-traspożizzjoni u jinnotifikawha mingħajr dewmien dwar kwalunkwe emenda sussegwenti li taffettwahom. | L-Istati Membri jistabbilixxu regoli dwar penali applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva, u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Il-penali pprovduti***, li*** jridu jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi***, jistgħu jikkonċernaw is-sospensjoni tal-ħlas jew il-ħlas lura tal-għajnuna pubblika mogħtija***. L-Istati Membri jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar dawn id-dispożizzjonijiet sa mhux aktar tard minn [id-data għat-traspożizzjoni***/*** u jinnotifikawha mingħajr dewmien dwar kwalunkwe emenda sussegwenti li taffettwahom. |

Or. fr

**Emenda 477**
**Pascal Durand, Philippe Lamberts**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 – paragrafu -1 (ġdid)**
Direttiva 2013/34/UE
Artikolu 2 – punt 17 (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(-1) Fl-Artikolu 2 jiżdied il-punt li ġej:*** |
| | ***"(17) 'deċiżjoni dwar it-taxxa' tfisser kwalunkwe interpretazzjoni jew applikazzjoni minn qabel ta' dispożizzjoni legali għal sitwazzjoni transkonfinali jew*** |

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***tranżazzjoni ta' kumpanija li tista' twassal għal telf tat-taxxa fl-Istati Membri jew li tista' twassal għal iffrankar tat-taxxa għall-kumpanija li jirriżulta minn trasferimenti artifiċjali intragrupp tal-profitt."*** |

Or. en

**Emenda 478**
**Evelyn Regner, Sylvia-Yvonne Kaufmann, Mary Honeyball, Jytte Guteland, Virginie Rozière, Dietmar Köster**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 – paragrafu -1a (ġdid)**
Direttiva 2013/34/UE
Artikolu 18 – paragrafu 2a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(-1a) Fl-Artikolu 18 għandu jiżdied il-paragrafu li jmiss wara l-paragrafu 2:*** |
| | ***'2a. Fin-noti mad-dikjarazzjonijiet finanzjarji, impriżi kbar u entitajiet ta' interess pubbliku għandhom jiżvelaw ukoll, filwaqt li jispeċifikaw skont l-Istat Membru u skont il-pajjiż terz li huma stabbiliti fihom, l-informazzjoni li ġejja fuq bażi konsolidata għas-sena finanzjarja:*** |
| | ***a) l-isem/ismijiet, in-natura tal-attivitajiet u l-post ġeografiku;*** |
| | ***b) il-fatturat;*** |
| | ***c) in-numru ta' impjegati fuq bażi ekwivalenti għal full time;*** |
| | ***d) il-valur tal-assi u l-ispiża annwali għaż-żamma ta' dawk l-assi;*** |
| | ***e) il-bejgħ u x-xiri;*** |
| | ***f) il-qligħ jew telf qabel it-taxxa;*** |
| | ***g) it-taxxa fuq il-qligħ jew it-telf;*** |
| | ***h) is-sussidji pubbliċi riċevuti;*** |

*i) il-kumpaniji prinċipali għandhom jipprovdu lista ta' sussidjarji li joperaw f'kull Stat Membru jew pajjiż terz, flimkien mad-dejta relevanti.'*

Or. en

**Emenda 479**
**Evelyn Regner, Jytte Guteland, Sylvia-Yvonne Kaufmann, Dietmar Köster, Mary Honeyball, Virginie Rozière**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 – punt -1b (ġdid)**
Direttiva 2013/34/UE
Artikolu 18 – paragrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(-1b) Fl-Artikolu 18, il-paragrafu 3 jiġi mibdul b'dan li ġej:*** |
| | ***'3. L-Istati Membri jistgħu jipprevedu li l-punt (b) tal-paragrafu 1 u l-paragrafu 2a ma japplikawx għad-dikjarazzjonijiet finanzjajri annwali ta' impriża fejn dik l-impriża tkun inkluża fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji meħtieġa li jitfasslu taħt l-Artikolu 22, sakemm dik l-informazzjoni tingħata fin-noti mad-dikjarazzjoni finanzjarja kkonsolidata.*** |

Or. en

**Emenda 480**
**Pascal Durand, Heidi Hautala, Philippe Lamberts**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 – paragrafu -1c (ġdid)**
Direttiva 2013/34/UE
Artikolu 18a (ġdid)

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(-1c) L-Artikolu 18a li ġej qed jiġi miżjud:*** |
| | ***1. Fin-noti għad-dikjarazzjonijiet finanzjarji, l-impriżi kbar, minbarra l-informazzjoni meħtieġa skont l-Artikoli 16, 17 u 18 u kull dispożizzjoni oħra ta' din id-Direttiva, pubblikament jiżvelaw informazzjoni fir-rigward tal-kwistjonijiet li ġejjin, billi jispeċifikaw skont l-Istat Membru u skont il-pajjiż terz li fihom għandhom sussidjarji:*** |
| | ***a) l-isem/ismijiet, in-natura tal-attivitajiet u l-post ġeografiku;*** |
| | ***b) il-fatturat;*** |
| | ***c) in-numru ta' impjegati fuq bażi ekwivalenti għal full time;*** |
| | ***d) il-qligħ jew telf qabel it-taxxa;*** |
| | ***e) it-taxxa fuq il-qligħ jew it-telf;*** |
| | ***f) is-sussidji pubbliċi riċevuti.*** |
| | ***2. L-impriżi li n-numru medju ta' impjegati tagħhom fuq bażi konsolidata matul is-sena finanzjarja ma jaqbiżx 500 u, fid-dati tal-karti tal-bilanċ tagħhom, ma jaqbżux fuq bażi konsolidata jew total tal-karta tal-bilanċ ta' EUR 86 miljun jew fatturat nett ta' EUR 100 miljun, għandhom ikunu eżentati mill-obbligu stabbilit fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.*** |
| | ***3. L-obbligu stabbilit fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu m'għandux japplika għal kwalunkwe impriża kkontrollata mil-liġi ta' Stat Membru li l-impriża prinċipali tagħha hija soġġetta għal-liġijiet ta' Stat Membru u li l-informazzjoni tagħha hija inkluża fl-informazzjoni żvelata minn dik l-impriża prinċipali skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.*** |
| | ***4. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tkun awditjata f'konformità mad-Direttiva 2006/43/KE.*** |

Or. en

**Emenda 481**
**Cecilia Wikström, Nils Torvalds, Ulla Tørnæs**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 – paragrafu -1d (ġdid)**
Direttiva 2013/34/UE
Artikolu 18a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(-1d) L-Artikolu 18a li ġej qed jiġi miżjud:*** |
| | ***"Artikolu 18a L-iżvelar addizzjonali għall-impriżi l-kbar*** |
| | ***1. Fin-noti għad-dikjarazzjonijiet finanzjarji, l-impriżi kbar, minbarra l-informazzjoni meħtieġa skont l-Artikoli 16, 17 u 18 u kull dispożizzjoni oħra ta' din id-Direttiva, jiżvelaw informazzjoni fir-rigward tal-kwistjonijiet li ġejjin, billi jispeċifikaw skont l-Istat Membru u skont il-pajjiż terz li fihom għandhom sussidjarji:*** |
| | ***a) l-isem/ismijiet, in-natura tal-attivitajiet u l-post ġeografiku;*** |
| | ***b) il-fatturat;*** |
| | ***c) in-numru ta' impjegati fuq bażi ekwivalenti għal full time;*** |
| | ***d) il-qligħ jew telf qabel it-taxxa;*** |
| | ***e) it-taxxa fuq il-qligħ jew it-telf;*** |
| | ***f) is-sussidji pubbliċi riċevuti.*** |
| | ***2. L-impriżi li n-numru medju ta' impjegati tagħhom fuq bażi konsolidata matul is-sena finanzjarja ma jaqbiżx 500 u, fid-dati tal-karti tal-bilanċ tagħhom, ma jaqbżux fuq bażi konsolidata jew total tal-karta tal-bilanċ ta' EUR 86 miljun jew fatturat nett ta' EUR 100 miljun, għandhom ikunu eżentati mill-obbligu stabbilit fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.*** |

***3. L-obbligu stabbilit fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu m'għandux japplika għal kwalunkwe impriża kkontrollata mil-liġi ta' Stat Membru li l-impriża prinċipali tagħha hija soġġetta għal-liġijiet ta' Stat Membru u li l-informazzjoni tagħha hija inkluża fl-informazzjoni żvelata minn dik l-impriża prinċipali skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.***

***4. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tkun awditjata f'konformità mad-Direttiva 2006/43/KE.***

Or. en

**Emenda 482**
**Pascal Durand, Heidi Hautala, Philippe Lamberts**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 – paragrafu 2e (ġdid)**
Direttiva 2013/34/UE
Artikolu 18b (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(-1e) Għandu jiddaħħal l-Artikolu 18b li ġej:*** |
| | ***"Artikolu 18b Żvelar addizzjonali għal impriżi kbar*** |
| | ***1. Fin-noti għad-dikjarazzjonijiet finanzjarji, l-impriżi kbar, minbarra l-informazzjoni meħtieġa skont l-Artikoli 16, 17 u 18 u kwalunkwe dispożizzjoni oħra ta' din id-Direttiva, għandhom jiżvelaw pubblikament elementi u informazzjoni essenzjali rigward id-deċiżjonijiet fil-qasam tat-taxxa, u jipprovdu analiżi skont l-Istat Membru u skont il-pajjiż terz li, fih, l-impriża kbira għandha sussidjarja: Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tistabbilixxi, permezz ta' att delegat, f'konformità mal-Artikolu 49, il-format u*** |

| | |
|---|---|
| | ***l-kontenut tal-pubblikazzjoni.*** |
| | ***2. L-impriżi li n-numru medju ta' impjegati tagħhom fuq bażi konsolidata matul is-sena finanzjarja ma jaqbiżx il-500 u, fid-dati tal-karti tal-bilanċ tagħhom, ma jaqbżux fuq bażi konsolidata jew total tal-karta tal-bilanċ ta' EUR 86 miljun jew inkella fatturat nett ta' EUR 100 miljun, għandhom ikunu eżentati mill-obbligu stabbilit fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.*** |
| | ***3. L-obbligu stabbilit fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu m'għandu japplika għall-ebda impriża kkontrollata mid-dritt ta' Stat Membru li l-impriża prinċipali tagħha hija soġġetta għal-liġijiet ta' Stat Membru u li l-informazzjoni tagħha hija inkluża fl-informazzjoni żvelata minn dik l-impriża prinċipali skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.*** |
| | ***4. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tkun awditjata f'konformità mad-Direttiva 2006/43/KE.*** |

Or. en

**Emenda 483**
**Therese Comodini Cachia**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 – punt a**
Direttiva 2013/34/UE
Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt h

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(a) Fil-paragrafu 1, jiżdied il-punt (h) li ġej:*** | ***imħassar*** |
| ***(h) ir-rapport ta' remunerazzjoni msemmi fl-Artikolu 9b tad-Direttiva 2007/36/KE.*** | |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Ir-rapport ta' remunerazzjoni ma jistax jifforma parti mill-kodiċi ta' governanza korporattiva għaliex teknikament ma jappartjenix hemmhekk.*

**Emenda 484**
**József Szájer**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 – punt a**
Direttiva 2013/34/UE
Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt h

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(a) Fil-paragrafu 1, jiżdied il-punt (h) li ġej:*** | ***imħassar*** |
| ***(h) ir-rapport ta' remunerazzjoni msemmi fl-Artikolu 9b tad-Direttiva 2007/36/KE.*** | |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Ir-rapport ta' remunerazzjoni ma għandux jifforma parti mill-politika ta' remunerazzjoni, peress li ma jappartjenix hemmhekk.*

**Emenda 485**
**Cecilia Wikström, Nils Torvalds, Ulla Tørnæs, Cora van Nieuwenhuizen**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 – punt a**
Direttiva 2013/34/KE
Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt h

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(a) Fil-paragrafu 1, jiżdied il-punt (h) li ġej:*** | ***imħassar*** |
| ***(h) ir-rapport ta' remunerazzjoni msemmi fl-Artikolu 9b tad-Direttiva 2007/36/KE.*** | |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*It-tħassir huwa konsegwenza tat-tħassir tal-introduzzjoni ta' vot obbligatorju dwar rapport ta' remunerazzjoni fl-Artikolu 9b fid-Direttiva 2007/36/KE.*

**Emenda 486**
**Pascal Durand, Heidi Hautala, Philippe Lamberts**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2a (ġdid) – punt 1 (ġdid)**
Direttiva 2004/109/KE
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt r (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(1) Fil-paragrafu 1 tal-Artikolu 2 il-punt (r) li ġej huwa miżjud:*** |
| | ***"(r) 'deċiżjoni dwar it-taxxa' tfisser kwalunkwe interpretazzjoni jew applikazzjoni minn qabel ta' dispożizzjoni legali għal sitwazzjoni transkonfinali jew tranżazzjoni ta' kumpanija li tista' twassal għal telf tat-taxxa fl-Istati Membri jew li tista' twassal għal iffrankar tat-taxxa għall-kumpanija li jirriżulta minn trasferimenti artifiċjali intragrupp tal-profitt".*** |

Or. en

**Emenda 487**
**Pascal Durand, Heidi Hautala, Philippe Lamberts**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2a (ġdid) – punt 2 (ġdid)**
Direttiva 2004/109/KE
Artikolu 16a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(2) L-Artikolu 16a li ġej qed jiġi miżjud:*** |

***“Artikolu 16a L-iżvelar addizzjonali għall-emittenti***

***1. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu li kull emittent kull sena jiżvela lill-pubbliku, waqt li jispeċifika skont l-Istat Membru u skont il-pajjiż terz li fih għandu sussidjarja, l-informazzjoni li ġejja fuq bażi konsolidata għas-sena finanzjarja:***

***a) l-isem/ismijiet, in-natura tal-attivitajiet u l-post ġeografiku***

***b) il-fatturat***

***c) in-numru ta' impjegati fuq bażi ekwivalenti għal full time***

***d) il-qligħ jew telf qabel it-taxxa***

***e) it-taxxa fuq il-qligħ jew it-telf***

***f) is-sussidji pubbliċi riċevuti***

***2. L-obbligu stabbilit fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ma għandux japplika għal kwalunkwe emittent ggvernat mil-liġi ta' Stat Membru li l-kumpanija prinċipali tiegħu hija soġġetta għal-liġijiet ta' Stat Membru u li l-informazzjoni tagħha hija inkluża fl-informazzjoni żvelata minn dik il-kumpanija prinċipali skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.***

***3. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi awditjata skont id-Direttiva 2006/43/KE u għandha tiġi ppubblikata, fejn possibbli, bħala anness għad-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali jew, fejn applikabbli, għad-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati tal-emittent ikkonċernat.***

Or. en

**Emenda 488**
**Pascal Durand, Heidi Hautala, Philippe Lamberts**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 2a (ġdid) – punt 3 (ġdid)**
Direttiva 2004/109/KE
Artikolu 16b (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(3) Għandu jiddaħħal l-Artikolu 16b li ġej:*** |
| | ***"Artikolu 16b Żvelar addizzjonali għall-emittenti*** |
| | ***1. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li kull emittent jiżvela pubblikament fuq bażi annwali, u fuq bażi konsolidata għas-sena finanzjarja, elementi u informazzjoni essenzjali rigward id-deċiżjonijiet fil-qasam tat-taxxa, u jipprovdu analiżi skont l-Istat Membru u skont il-pajjiż terz li, fih, l-impriża kbira għandha sussidjarja. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tistabbilixxi, permezz ta' atti delegati, f'konformità mal-Artikoli 27(2a), (2b) u (2c), il-format u l-kontenut tal-pubblikazzjoni.*** |
| | ***2. L-obbligu stabbilit fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu m'għandu japplika għall-ebda emittent ggvernat mid-dritt ta' Stat Membru li l-kumpanija prinċipali tiegħu hija soġġetta għal-liġijiet ta' Stat Membru u li l-informazzjoni tagħha hija inkluża fl-informazzjoni żvelata minn dik il-kumpanija prinċipali skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.*** |
| | ***3. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi awditjata f'konformità mad-Direttiva 2006/43/KE u għandha tiġi ppubblikata, fejn possibbli, bħala anness għad-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali jew, fejn applikabbli, għad-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati tal-emittent ikkonċernat.*** |

Or. en

**Emenda 489**
**Pascal Durand, Heidi Hautala, Philippe Lamberts**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2a (ġdid) – punt 4 (ġdid)**
Direttiva 2004/109/KE
Artikolu 27 – paragrafu 2a

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(4) Fl-Artikolu 27, il-paragrafu 2a għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:*** |
| | ***"(2a) Is-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 2(3), l-Artikolu 5(6), l-Artikolu 9(7), l-Artikolu 12(8), l-Artikolu 13(2), l-Artikolu 14(2), l-Artikolu 16a(1), l-Artikolu 17(4), l-Artikolu 18(5), l-Artikolu 19(4), l-Artikolu 21(4), l-Artikolu 23(4), l-Artikolu 23(5), u l-Artikolu 23(7) għandha tiġi konferita lill-Kummissjoni għal perijodu ta' erba' snin minn Jannar 2011. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tas-setgħa delegata mhux aktar tard minn sitt xhur qabel tmiem il-perijodu ta' erba' snin. Id-delega tas-setgħa għandha tkun estiża awtomatikament għal perijodu ta' tul simili, sakemm ma tkunx revokata mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill skont l-Artikolu 27a.".*** |

Or. en

**Emenda 490**
**József Szájer**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri jdaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jiġu konformi ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard minn [***18***-il xahar wara d-dħul | L-Istati Membri jdaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jiġu konformi ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard minn [***24***-il xahar wara d-dħul |

fis-seħħ]. Huma jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet.

fis-seħħ]. Huma jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet.

Or. en